# IL BIDUI

PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI

*MINGHAIR PARTIT — Mimli b'kari onest ghall'idejn cullhatt.*

MAHRUG MIN

**The Chilean Nitrate Committee, 53, Strada San Vincenzo Sliema, Malta.**

**Editur u Direttur Onorariu C. ZAMMIT MARMARÀ F.R.H.S.**

Vol. I. No. 4 Circulazioni 7,000 Copia

MALTA PUBLIC LIBRARY




Ftit mil mistoksij li il bdieŭa dan iż-zmien k'ghed jghamlu, huma, *X'inhu id-demel?* u *x'inhu id-demel artificiali?* JAKBILX LI UIEHED JUSA ID-DEMEL ARTIFICIALI IMHALLAT LEST?

Kabel ma uiehed jista jirrispondi seuua daun il mistoksij, jinhtieġ li nifhmu GHALFEJN natu id-demel u x'xoghol jghamel biex itina prodotti taiba.

Il prodotti collha li jicbru mill'art, mill'izghar haxixa sa l'icbar siġra jgheixu billi jehdu mit-trab li jicbru fieh certi sustanzi. Barra minn daun is-sustanzi li jehdu mill'art huma jehdu sustanzi ohra mill'aria permezz tal uerak tahhom. Is-sustanzi li il prodotti ghandhom bzonn mill'aria ghalchemm huma uisk mehtieġa, il bidui m'ghandux ghalfejn ihaħbel rasu ghalihom ghax mill'aria ma jispicciaux; ghalchemm il prodotti jistghou jigiu mgheiuna biex jehdu daun is-sustanzi billi izomm il uerak b'sahtu. Id-demel jati lil prodotti is-sustanzi bzoniusi.

*Id-demel naturali*, jigifieri id-demel ta 'rziezet, tal animali, ecc. *hu mehtieg* ghaliex barra milli fieh mis-sustanzi collha li il prodotti jinhtigilhom fost xoghol jehor li jghamel, hu izomm it-trab f'sahtu u jirregula l'evaporazioni tal'umdità mill' hamrija.

Mita uiehed izda irid prodott chif imiss, prodott b'sahtu, jinhtieġ li hu jusa ucoll id-demel artificiali, ghaliex, ghalchemm id-demel naturali generalment fieh mis-sustanzi collha, hu ma fiehx biz-zejjed biex il prodott jicber u icun b'sahtu chemm imissu; u hagia li jafa culhatt, uiċċ li m'hux b'sahtu jimrad u jinhakar uisk izied minn prodott b'sahtu.

Is-sustanzi l'actar mehtieġa li jinhtigilhom il pianti huma tlieta, u isejhulhom. 1) *Nitrogenu*, 2) *Acidu Fosforicu* u 3) *Putassa*.

In-nitrogenu jintghata l'ahjar per mezz tan-*Nitrat tas-Soda* li illum hu mgharuf biz-zejjed mil bdieua. L'Acidu Fosforicu u'l Putassa *jintghatau f'bosta ghamliet*.

Issa il bidui jinħtieġ jiftacar tajjeb

li daun jisseiħu COLLHA DEMEL ARTIFICIALI, jigifieri ma iservi xejn li inti tmur tixtri u titlob *demel artificiali*, jinħtieġ li issemmi x'demel artificiali trid, per esempiu NITRAT TAS-SODA.

Id-demel naturali, jeu biex nifthemu aħjar, id demel tar-rziezet hu *dejjem* niekes min-Nitrogenu, u il bidui *ma jistax jonkos* li ma juzax in-Nitrat tas-Soda jecc hu jixtiek prodott chif imiss.

Iżda haun il bidui jistaksi: *nista jena nuza demel artificiali imħallat lest* ?

Demel artificiali imħallat lest, ifisser demel artificiali li fieħ *Nitrogenu*, *Acidu Fosforicu* u *Putassa*.

Nifthemu tajjeb! Kabel incomplu; *Attent !*

Ghedna li in-Nitrogenu ghandu jintghata permezz tan-NITRAT TAS-SODA, u li hù MEHTIEG.

L'Acidu Fosforicu jista jintghata f'bosta ghamliet bħal m'huma: *Superfosfat*, *Basic Slag*, *għadam midħun*, ecc., ecc., id-differenza kgħeda fli uieħed fieħ sustanza ectar mill'jeħor, u naturalment, SCOND IS-SUSTANZA IL PREZZ!

Il Putassa tintghata f'bosta ghamliet, bħal ma huma: Sulfat tal Putassa, Muriat tal Putassa, Kainit, Sylvinite, Irmied tal injam, ecc. Id-differenza hì li uieħed fieħ sustanza izied mill jeħor u li IL PREZZ SCOND IS-SUSTANZA LI FIEH!

Issa jecc int trid demel artificiali imħallat lest naturalment ituc fieħ sustanza scond il prezz li tħallas: per esempiu, demel imħallat lest jista icun fieħ putassa f'forma taSulfat tal Potassa (li hu l'aħjar) u li jisua xi tnejn-u-ghoxrin lira it-tunnellata; u jista floc dan icun fieħ il *Kainit* li jisua xi gherba liri u nofs it-tunnellata. Jecc uieħed jgheidlec m'hux tajjeb, icun kghed jgħaid chelma b'oħra; izda fis-Sulfat tal Potassa inti ghandec 95 fil mija putassa, fil uakt li fil Kainit mghandecx izied min 14 fil mija!!!

DAN JINHTIEG JIFMUH SEUUA DAUC LI IHARSU LEJN IL PREZZ KABEL IL QUALITA'!

Biex nifthemu: in-Nitrat tas-Soda jistghou malair jghamluħ sitt xelini il kantar billi inaksu is sustanza li fieħ imma dan *chien icun daħk fill uiċċ*, in-Nitrat tas-Soda fieħ MILL INKAS 95 fill mija pur! F'dan m'hemx kerk!

Issa ghandu izomm f'rasu tajjeb il bidui, li id-demel artificiali imħallat lest l'inkas sustanza li icun fieħ hu in-*Nitrogenu*, *li hi l'ectar sustanza ghalia*, u dauc li juzau demel artificiali imħallat lest jinħtieg ucoll li juzau miegħeu in-Nitrat. *Dan meħtieg anchi għan-neguzianti li jirriccmandauħ ghaliex inchella effett ma jghamilx, jeu jecc jghamel icun tant ħafif li enkas jidher!*

Issa niġu għal pont, jecc jakbilx li uieħed jixtrieħ lest! Nieħdu esempiu fukna. Natu cas li għall'ichel irridu nghamlu minestra; x'jidirlec, nixtru il ħaxix aħna separat u insairuħ jeu immorru u nixtru il-lest mil-lucanda? Jecc inti tixtri il-lest dan naturalment icun jisua tliet darbiet jeu izied daks li jisua il ħaxix u l'għagin u l'affarijet collha ftimchien! Mghandniex xi nghaidu, tal lucanda irid jgheix hu u irid iħallas li spejjes u l'impiegati. Il cas tad-demel hu xorta uaħda.

Barra milli forsi ma tcunx taf x'sustanzi kghed tati, u jecc humiex

f'forma taiba ghal prodott tieghec, il prezz ta dac id-demel, tħallas ucoll miegheu il proporzion ta li spejjes tal magni, impiegati u ħuejjeġ oħra li chien jinħtieġ biex daun jitħaltu.

Mil banda l'oħra id-demel artificiali billi chimicu m'hux collu jista jitħallat, u ghalhecc in-neguziant jista biss iħallat dauc il qualità li jghokodu fl'imchien.

B'dan li ghadna il bidui jista jifhem x'jakbillu u ma jakbillux jghamel izda fi qualunque cas hemm ħagia li ma jistax uieħed jinsa, illi in-NITRAT TAS-SODA HU DEJJEM MEHTIEG *u li il prezz tiegheu hu imkieghed scond is-sustanza li fieħ. Tunnellata* demel tar-rziezet *mill'aħjar* ma fijex izied min 12 il-libbra *Nitrogenu pur*, dan ifisser li *kantar Inglis* (cwt.) Nitrat tas-Soda (112 il-libbra), fieħ Nitrogenu daks tunnellata u nofs (3,360 libbra) ta demel tajjeb tar-rziezet!!!

Jecc int bidui ghakli li jaf l'affari tiegheu, l'uzu tan-Nitrat tas-Soda m'ghandec tabbandunaħ *katt!*

—◇◎◇—

## IL KAMĦ

Uieħed mill'ictar prodotti importanti ghal bidui taghna hua il kamħ.

Il kamħ m'hux biss f'Malta izda f'cull parti tad-dinja hua prodott meħtieġ u li bieħ jistghana il bidui chif ucoll pajjisu. Il kamħ jifforma l'ichel tal bniedem u hu ħagia li id dinja minghairu ma tistax tghaddi il kuddiem.

Il prodott li jittieħed haun Malta mil kamħ hua zgheir uisk meta uieħed igib kuddiem ghajneiħ taħt l'jema condizionijet jiġi iccultivat, u m'hemmx dubiu li il bidui taghna jista jeħu prodott uisk akua, minghair ma jitħabat jeu jaħdem uisk izied mis-soltu.

Il kamħ biex jikber b'saħtu u jati prodott tajjeb jinħtieġlu li isib quantità biz-zejjed ta Nitrogenu, u din il quantità ta Nitrogenu scond l'akua autorità tad-dinja, ma nistaux natugha aħjar min-Nitrat tas Soda.

Ftit snin hilu, il gvern (ta dac iz-zmien) chien stieden lis-Sur J. Dawson-Shepherd, O.B.E., Spettur espert tal Ministeru ta l'Agricoltura ta l'Egittu, biex jigi Malta u jara l'agricoltura ta pajjisna. Dan uara li b'ħila u capacità studia il condizionijet ta artna, ħareġ ir-rapport tieghu fl'1920 u *fieħ ir riccmanda uisk l'uzu tan-Nitrat tas-Soda ghal kamħ.*

Sitta u ghoxrin sena ilhu, il "Comitato Agricolo-Industriale" t'Ghaudex chien stieden lil Professur Dun Anġ. Candeo, Cappillan ta Mestrin, f'Padova, li hu professur uisk mgharuf fil biedia u li il pariri tiegheu il bdieua Taliani jeħduhom b'ghaineihom mghaluka. Din ix-xeuka ta ħutna l'Ghaudxin seħħet malair, ghax il Professur Dun Anġ. Candeo malair ghamel ziara lil Ghaudex u fost l'affarijet li semma *irriccmanda li jintuza id-demel artificiali Nitrat tas-Soda.*

Fil folju Taljan religius, "L'Angelo della Pace" ta l'4 ta Ottubru 1925, insibu articolu li ifaħħar uisk lil ħabib artna il Professur Candeo, ghal cultivazioni tal kamħ. L'articolu jgheidilna illi dan il mgharuf Professur usa min 40 sa 50 kilo (min 53 sa 62 ratal u nofs taghna) *Nitrat tas-Soda* cull ghalka, u il prodott tiegheu, *cull kamħa tghat min 20 sa 25 sbula ta 20 sa 22 centimetru tul (8 sa 8 pulzieri u nofs) b'ma duar 70 kamħa cull uaħda; jigifieri prodott ta 1400 kamħa cull zergha!*

Risultati uisk sbieħ mill'uzu tan-Nitrat tas Soda ghal prodott tal kamħ ġeu ucoll meħuda min bdieua Maltin. Hia ħagia ciara — u actar ciara min hecc ma tistax tcun — li cull bidui jista jeħu prodott uisk akua ta kamħ billi juza in-Nitrat tas-Soda.

In Nitrat ghandu jintuza hecc; Ratlejn u nofs Nitrat tas-Soda imxerred fil uiċċ ghal cull sieħ raba f'bidu Jannar; fi Frar tiġi imnaddfa l'art mil ħaxix ħazin u tinghazak li scorcia min ma duar ix xitel u ergia xerred ratleju u nofs Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba.

Jecc ħagia tista tcun, in-Nitrat tas-Soda ghal kamħ ghandu jintghata xi 20 giurnata

uara iż-żrieħ, u it-tieni tixrid xi t'iet ġimghat uara; (Noti fuk il cultivazioni tal kamħ jinsabu fil " Bidui," Vol. I, Nru. 2, Pag. 34).

Min dan tghallimtu li is-sigriet biex tieħdu prodott c ir jinsab f ideichom stess. La tittrascurau x izied. Tħallux li *'ghal ħabba bzar titilfu il borma.*"

Chemm hu meħtieġ in-Nitrat tas-Soda ghall'Agricoltura hia hagia li chella studiu cbir mill'akua specialisti ta l'agricoltura chif ucoll mill'akua xienziati tad dinja bħal ma huma Lawes u Gilbert, Sir William Crooks, Dr. Dyer, Dr. Hall u Dr, Voelcker (Inglisi), il Professuri Grandeau, Cassarini, Migneaux u Cadoret (Francisi); il Professuri Bernardo u Alino (Spanio'i) ; Dr. Wagner u'l Professur Maercker (Germanisi) ; Dr. Voorhess, Dr. J. G. Lippman, Dr. Brooks, Dr. Duggar, Dr. Ross, Dr. Patterson, Dr. Hilgard u Dr. Garcia (Americani).

---

## ID-DUIELI

*L'effett tad-demel artificiali*

Id-dilia tgheix b'saħħita biss fi trab ghani u tajjeb li ma hux niekes mis-sustanzi meħtieġa.

Cullħat jaf li biex uieħed jeħu min dilia ħafna gheneb u tajjeb, hemm bzonn li iddilia tcun giet il kuddiem chif imiss u jinħtieg ucoll li issib fit-trab sustanzi biz-zejied li tcun tista teħodhom *fil uakt li tcun kgheda tieber.*

Dan collu ma jistax isir jecc l'art ma tigix imdemmla seuua u chif imiss.

Saret prova fuk zeuġ duieli qualità " Riesling." Dauna ġeu imħaulin f'zeuġ ksari u ġeu imdemmlin seuua. Barra min dan id-demel, uaħda mil ksari giet ucoll mghotija 16 il gramma NITRAT TAS-SODA u l'oħra ma taugha Nitrat xejn, biex jarau seuua in-differenza li tati in-Nitrat. Ir risultat chien dan :

Il Pianta b'in-Nitrat tas-Soda tat :

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2,470 | grammi | *Gheneb* | |
| 581 | . | *Ħatab* | (niexef) |
| 283 | ,, | *Uerak* | ( ,, ) |

Il Pianta ta minghair Nitrat tas-Soda tat :

| | | | |
|---|---|---|---|
| 308 | grammi | *Gheneb* | |
| 310 | ,, | *Ħatab* | (niexef) |
| 138 | ,, | *Uerak* | ( ,, ) |

(800 gramma jghamlu Ratal Malti).

IL PIANTA LI GIET MGHOTIJA IN-NITRAT TAS-SODA TAT TMIEN DARBIET IL GHENEB LI TAT L'OĦRA TA BLA NITRAT !

---

## IL BIEDIA F'ART OĦRA

Min joħroġ mil gzejier zghar tgħana mux biss jara dauch l'estensioniet ta rghaba, imma ucol jistghageb chif inħadmu u chif jamlu dak il cobor ta uciuħ.

Chienet ghodua sabiħa ta Settembru xħin l'Odin ghadda il "canal" u resak max-xatt ta Tunes fein f'kasir zmien inzilt l'art ma zeuċ signuri Maltin oħra morna impoġġu il ħueijeġ fl'Hotel. Uara ftit ħriġna induru daura mal belt; imxeina fl'*Avenue Jules Ferry*, hi sabiħa taħt dauch issigar, kalb dich il cotra ta nies, nofsa all'Europea u u daks tant iħor bil bies tal pajis, Arbi, imma jena uara l'euuel ghaxka ta dich issbuħia ġdida ghalija, ghainejja uakghu fuk il bosta ħuienet li hemm u mux dauch tal modi jeu ta negozi oħra, li huma cbar ħafna, imma dauc li gibduni chienu il ħuienet ta ghodot Agricoli u gio bosta minnom tħalna, hemm rajna ħafna imħaret ta cul daks u ta cul xorta, dauc ix-xtabi (erfice) colla ħadid, macni ta dris, ta tgharbil, fli stess oħrain ghal ghazla ta cul daks ta kmuħ, imbghat pompi irroratrici, solforatrici u ghodod oħra ghad-duieli u ghar-raba; ucoll ghandom muturi carriet, carettuni; u chif jista icun li jena insemmi collox !

Morna f'Rue de Grecie fil *Mason du Mutuelle d'Agriculture* u min hemm bghatuna fil ghalka Agricola li kieghda tiggeddet ghax gie meħud f'post iħor, hemm ghandom 64 Ettaru rabgha (circa 35 modd 12 il tomna) hemm ureuna dauc l'imxetel (vivai) ta cul sigiar, isserra u ħuejjeġ oħra, fost collox ureuna giabra (collezzione di grani) ta zrieraħ ta kmuħ, eluf, cull xorta ta zriraħ oħra ta din ir-razza; hia sala li tghaġġbec u

tiscantac, raina ucoll il macna taħdem fl ghazla tal qualità tal kmuħ, ureuna daks ueiba rabgha colla imkassma bcejjec u imghottija bi xbiec tal fildiferru. biex hemm jizirghou il kamħ, u l'ghasafar jeu ħaġ'oħra ma iħaltux iz-zrieraħ, ureuna ucoll chif jiddisinfettau il kamħ kabel jinzara u tauna irricetti. Haun niekaf min Tunes ghax inchella intauual izzejjed.

Nitlak ghal Philippeville, belt zgheira ta l'Algeria uara li ghaddeit min Bona, ma nokghodc intenni il viaġġ bejn dauc l'oksma ta raba hecc cbar, dauc il muntanji collha ħdura mil kucciata sal uidien, fein il biccia il cbira jiġi l'ilma; il ferrovia fil mixi taħħa chienet dbiddel cull minuta dauc ix-xeni ta rabgha, hemm duieli fl'akkal tal vendemia imbghad gionna ta cull frott, daun actarx fein l'ibliet inchella fein l'irħula cbar.

Uasalt uahdi Philippeville l'antica Stola, il ferrovia tuasslec sal port fein hemm tara dauc il vaguni fuk ix-xatt collu. Kmuħ u xheir li gei min fgio dauc l'artijet. Katt ma taħseb li belt hecc zghaira hi tant il kuddiem fl'Agricoltura. Tħalt geuuà il belt, fein il bieb nara erba carri et imghobbija colla, u biex ? bid demel artificiali u il carrijet taħħom ma humiex bhal tghana cull uieħed chellu sitt bakar u zeuġ zuiemel kuddiem, stakseit humiex ghal xi mercant, kaluli ghal bdieua Gharbin, ghalech tau prodotti ta kmuħ u uciuħ oħra u imbghad aħna narauha cbira jecc nixtru cirniena *Nitrat tas-Soda* li haun insibu u ghandcom tafu li min dan id demel cul sena jigi iccunsmat 3 miljuni ta tunnelati imma xi proporzion zghaira tiehu Malta !

Haun ucoll ħuienet ta macni agricoli anzi rait vetrina sabiha ħafna ta ghodod ghal chimica agraria, ħagia li ma raitc Tunes, dan il ħanut hu ta certu Xuereb malti u il quartier bini fein jinsab dan il maħzen ta uieħed ghauci dilettant uisk ta l'agricultura u il Korti ta hemm tghazlu bhala stimatur tal gionna u ir raba.

Din il belt fiha jinsabu bosta Maltin u Ghaudcin ghalhecc uieħed ħabib mir-raħal lakkani mas-Sur Grima li vigni biss ghandu mijet ta ettari, ħadni dan il ħabib bil motor tigheu fil cantina ta dan Grima li hu nisel Ghaudex ucoll, domna mixjin ħafna fi triekat colla ui'ja u lixxi u dejjem fid-dell tas-sigiar gholjin li ighattu it triek, uasalna fil post li hu b'ni cbir, il corsia principali fiha zeuġ filati btieti mal ħitan u fin nofs ringhiela ohra, il btieti huma colla ta sement micsija min geuua b'madum tal hgieg, li huma veri cmamar.

Barra, f'maħzen iħor hemm il macna motrici din tmixxi il pompi, pigiatrici, insicturi idraulici, li hemm giol maħzen il chir dan barra fiħ bhal delu ta sement jigi il carru b'gheneb, il gharbi idauuar vit u il caxxa tal carru tmil u l'gheneb jitferraħ gio delu u tnein min-nies jimbuttau il geuua, dan imur giol pigiatrici, din tfarrac il ghemba, l'ilma (mosto) bil pompi jigi imtalla ghal giol bittigha, jghaddi min gio catusa ta 4 pulzieri, segna ittalla il gheruk tax-xenxul fuk gio buttazza ghal xi ghemba li ma inħakmetc. Gherba insicturi idraulici jaghfsu il fosdok u fihom arloġġ indici tal pressioni. Xħin icun maghfus macna tfarrcu biex jargia jidħol gio insictur iħor izied kauui, dan collox u miexi u mghafus bil forza motrici li fuk semmeina, xħin jinghafas it-tieni darba jargia jitferraħ u jigi merfuħ biex fix xitua jaghmluħ xorb (spiritu).

Hemm jonkos il matabisolfiti ta potassiu acido tartarico u ingredienti oħra bil quantità.

F'din il belt hemm collegg ta l'agricultura bi 15 l'etteru raba migheu (8 timdied u 5 titmien) jena dortu collu, ghandom il vignia, il gnien tal frottijet, ir-rabgha u il bosc sal montanja hemm ucoll cantina zghaira. Jena ghamilt conoxenza mal chimicu tal belt li hu professur fil collegg, dan ħadni ucoll bil motur tigheu u dauuarni il collegg collu; ħadni ucoll fl'ufficciu tieghu tal belt bosta drabi n urieni bosta esperimenti cioè l'esami ta l'ilma, imbit, ħalib ecc.

Hemmec hemm ħagia li uisk ghogbitni li il Gvern taghna imissu idaħħal f'pajisna li hi li min ibieħ l'imbit mil fattoria ta cull bittigha jeħu campiun, jiġi esaminat mil Analiticu u jati iccertificat tal grad alcolicu tigheu, hemm fissat unità ta gradazioni u hech jitnakkas o jizdied il prezz, u ghaliex uieħed ghandu jixtri imbit forsi nofsu ilma u iħalsu ta tajjeb b'dac il mod ma îsirx kerk. Mita aħna insiru evaluti bħalhom ?

ghalec hemm bzonn li il Gvern jaħseb jistudia dan il metodu u jordnaħ fil pratica; f'din il belt gharaft seuua ucoll ħagja oħra li il bidui tghana jaraha tkila u li ma iridc jaf biha mux ghax ma tcunlux ta gid u din hi il cantina comuni coiè cantina cbira fejn il bdieua imorru jaghsru l'gheneb taħħom bil ghodod moderni bħal dauc li fuk semmeit u hemm jigiu merfuha l'imbejjet. Ghal din ucoll imissu jaħseb il Gvern jecc l'ghassara jifmu il cbar beneficci.

Haun nispiccia,

Uisk u uisk ghalmuna il pajisi ta barra imma biccia ma nistghoux nghamluhom u oħrain ma irridux, però hemm bzonn li nisforzau u ngheinu l'art biex ittina l'uciuħ taħħa ghax jech ma nuzaux metodi giodda katt ma nistghu nimxu il kuddiem.

L. Z. H.

## IL IODIU

It-teoria tal Hajja titbiddel min secolu ghall'jeħor, dac li jidher ħagia ciar u veru ghal generazioni uaħda, bosta drabi jidher li hù zball ghal generazioni oħra. F'li stess ħin mita aħna insibu illi it-teorji kghed isiru actar semplici, hemm icolna ragiun naħsbu li kghed nersku lein il verità. Din hi irragiuni li daz-zmien jgheidu illi il mod li insostnu ruħna (in-nutriment) hu l'akua ħagia ghal saħħitna.

" Min ghoxrin sa ħamsa-u-ghoxrin fil mija ta cull ħagia li tgheix ticconsisti f'composizioni organica, li minna il cullodiu tal protoplasma hu mghamul. Il cumplament ta min ħamsa u sebghin sa disghain fil mija jicconsistu f'ilma u melħ inorganici............... Il vera basi tal protoplasma hi is-soluzioni ta melħ li tghamel ħamsa-u-sebghain sa desghain fil mija minnha, u li ghada tixbaħ l'ilma tal baħar li minnu originat."

"Xi tmienia jeu disgha min daun l'elementi, li huma : *calcium*, *fosforus*, *potassium*, ecc., huma dejjem presenti f'materji li jgheixu fi quantità li hemm bzonn, u huma mgharufa bħala ħuejjeġ meħtieġa. Ma daun, il iodiu, *manganise*, *fluorine*, ram, zingu u xi oħrain jinstabu minnhom xi ħagia zgheira uisk. Il presenza ta daun chienu darba jaħsbu li hi accident. Izda daz-zmien jemnu illi bosta minnhom, jecc m'hux collha, jghamlu parti meħtieġa f'dauc il partijet tal ġisem illi fighom jinstabu u jghamlu xoghol importanti fil metabojismu*."

Il iodiu, m'hemm ebda dubiu, hu assolutament meħtieġ: hu il principiu attiv tal'ectar glandola importanti li tinsab fil gisem tal bniedem, chif ucoll f'dac ta l'animali. Minghairu la jista icun hemm svilupp tal ġisem u l'enkas tal moħħ. Imfħabba in-nukkas tal iodiu fil ħamrija hemm 50,000 ruħ boloħ f'li Svizzera. Izda min mindu il iodiu introduceuħ fl'affarijet ta t'ichel f'dac il paijis, m'humiex kghed jitujeldu izied boloħ.

F'id-dinja mas-sibx cullumchien l'elementi materiali li jinħtieġu. F'il ħamrija ta bosta postijet tal provincia ta Estremadura, per esempiu, isibu quantità tant cbira ta blat fosfaticu li juzauħ ghal bini, fil uakt illi fil "Cape Colony" il bhejjem itughom jeclu l'ghadam ta animali oħra biex jissostituixxu in-nukkas tal fosforu li jinsab fl'ichel taħħom. Li stess ħagia il iodiu insibuħ niekes f'bosta postijet.

Jecc natu ħarsa ma duar id-dinja insibu illi in-nofs ta l'America ta fuk, hia nieksa uisk mil iodiu. Il iodiu billi jinsab f'mod li idub malair, jista jiġi meħud ma l'ilma taxxita lein il baħar min fejn origina ruħu. Il iodiu l'ectar li jista jinsab fil ħamrija ta ma xatt il baħar.

Bosta parti tal Africa huma neksin uisk mil iodiu. Fl'Europa insibuħ niekes f'parti ta Svizzera, Austria, l'Italia, Bavaria u Franza. Bosta villaggi fl'Inghilterra huma ucoll neksin uisk mil iodiu, Ma gharniex xi ngheidu, parti uisk zgheira tad-dinja hi fornita bieħ.

F'dauc il postijet fejn il iodiu hu niekes, in-nies u l'animali ibgatu f'bosta manieri, u il biccia il cbira ghad enkas jafu li tali mard huma iccagiunati min dan in-nukkas tal iodiu.

## TFITTIX U STUDIU

Imchien fir-ricerchi moderni fuk is-saħħa ma'nsibu risultati hecc ciari bħal dauc li f'daun l'aħħar snin ittieħdu permess tal iodiu.

Il glandola, *Tiroide*, mita il gisem icun

---

* Metabolismu hi il bidla chimica jeu metamorfosi, li jghamel in-nutriment fil gisem.

b'saħtu ; hi mghamula min quantità cbira ta *lobuli* zghar ħafna, li x'uħud min daun, scond il bzonn li icollhom il partijet tal gisem jgiorru mas-sistema nervusa, bħal ilma ciar, mentri li oħrain jaħdmu u jirriservau fluidu bħal gelatina —dac li jissejjaħ "cullodiu" li jaħsbu li hi il materia riservata li minnha is-secrezioni attiva tintghamel. L'attività u'l kauua ta din is-secrezioni tiddependi mil iodiu li il collodiu icun fieħ. Min chem problemi ghadhom kghed jigu studiati riguard il glandola *tiroide* dan il pont jidher li hu stabilit. Jecc il quantità tal iodiu titbaxxa sa quart mil quantità li tinħtieġ - igheidu li hi 30 milligramma—il marda goźżo* titfaccia ; izda m'hemmx dubiu sachemm titfaccia din il marda, innukkas tal attività ta din is-secrezioni tidher f'bosta sintomi patologici.

Daun is sintomi huma hecc variati illi tista tidher ħagia bla sens li uieħed jaħseb li gejjin min-nukkas ta ftit iodiu f'uahda mil glandoli. Izda it tfiċċija u li studiu ureuna illi mita it-*tiroide* ma taħdimx seuua tfixchel u tħauuad organi oħra ta secrezioni interna—*timus, adrenal, pituttoso, pancreas** u organi tar-rigenerazioni u is sintomi taħħa infisa huma bosta u importanti. Mita uieħed jicconsidra in-natura ta dac ix-xoghol li tghamel ma nistaux nisperau li insibu definizioni ectar ciara min dic li tgħana it-tabib Sidney Barwise fir-rapport tiegheu tal 1924 fuk is-saħħa ta Derbyshire, fein chien tabib tal gvern. "Tista tcun ħagia meħtiegia" kal, "li uieħed juri fil kasir x'xoghol jghamel fil ħajja is-secrezioni tat *tiroide* (li verament ifisser iodiu). Is-secrezioni tat-tiroide :

1. Hi meħtieġa biex il metabolismu isir seuua u specialment bjex tghamel aħjar ittibdil respiratoriu u cobor fisicali ;

2. Hi tcabbar li svilupp tal moħħ tajjeb. Jecc icun hemm ħafna minnhu niekes kabel it-tuelid il bniedem jitnieled iblaħ. Jecc ma icunx hemm bizzejjed chemm il gisem jinħtieġ, tista tghamel bniedem min ftit iblaħ sa b'moħħ minghair daul ghal collox.

3. Hi specialment meħtieġa f'uakt il gravidanza, u'l clinici (*antinatali*) ghandhom izommu dan seuua f'moħħom.

4. Hi meħtieġa fiz-zghozia ghal li svilupp tal organi tar-rigenerazioni, l'ectarnett finnisa, ghaliex f'daun il bidla issir ectar malair milli fl'irgiel.

5. Hi meħtieġa biex izzomm il gilda dejjem b'saħħita. Gilda xotta u xghar k'ghed jaka uisk drabi ifisser li it-*tiroide* hi nieksa min din is-secrezioni.

6. Hi meħtieġa ghad-digestioni, u biex ix-xaħam jigi utiliżżat seu. Mita ma icunx hemm biz-zejjed minnha ix-xaħam ma jiġix maħdum seu fil gisem u bosta drabi jiġi miġbur fil partijet ta taħt tal ġilda. Bosta casi ta obesità (simna fix-xaħam) jistau jigu iccagiunati b'dan,

7. Hi meħtieġa ghal metabolismu tal calcium, Ectar ma l'ilma tax-xorb icun ftit ectar jinħtieġ iodiu,

8. Hi meħtieġa biex tgheina nirresistu il microbi li jistau jidħlu fina, u biex tneħħi id-deni u'l veleni li daun jistau jghamlu.

Il iodiu fil gisem, mela, għandu bosta xoghol x'jghamel, u f'uakt li jghamel dan ix-xoghol xi ftit minnhu jintilef. Il iodiu fi quantità zgheira ħafna hua continuament hiereġ mil gisem, l'ectar permeżż tal cliūi, izda anche mil gilda ecc, Id-deni u li strapazz icabbar it-telf tal iodiu li joħroġ mil gilda, minghair izda ma jghaddi mil cliūi,

Fi qualunque cas il glandola *tiroide* ma tcunx tista taħdem seu jecc ma jiġix imġed ded dac li figha icun hemm maħzun,

Bħal ma già ghedna. quasi il iodiu collhu li icun hemm fil glandola *tiroide*, jigi mill jchel, Barra min f'xi postijet vicin il baħar, fejn tinġema quantità cbira ta alca u li xħin titherra terħi mar-rieħ il iodiu li icollha, il iodiu i nieħdu mill'aria m'hix ħagia li uieħed jiccalculagha.

Din hi ir-ragiuni li fil villaggi il boghod mil baħar issib l'ectar nies li fighom il glandola *tiroide* ma tahdimx chif imissa. F'daun il postijet ucoll tistghageb bl'effet tajjeb li jintghamel meta dic il glandola tigi mghotija dac l'element li jonkosa,

---

* Gozzo hu bħal tumur fil griezem,

* *The Mayo Clinic.* li ir-ricerchi tighu għamlu creditu lil Professioni medica ta li Stati Uniti, annunzia fatt significanti ħafna illi il iodiu bosta inakkas. u x'mindakket jiccura id-diabete,




Peppi u Toni

—

P.—X'hemm Ton. Il bieraħ intkajt ma uieħed li jifhem xi ħagia fuk i. biedia, u uakt li ghaddejjn gibna discors fuk id-dud u l'insetti tar-raba.

T.—Dan id discors fuk id-dud u l'insetti chif gie f'rascom Pepp?

P. – Conna ghaddejjin minn ħdejn il ghalka ta Duminc u chien hemm tfel kighed joktol gremxula: dana kalli biex gremxul ma inħallix min joktol.

T.—Seuua kallec Pepp; chellu elf ragiun.

P. Ma chellu ragiun xein, uaħda ghax il gremxula m'hux jen cont kghed noktola u l'oħra ghax jena ma nemminx b'dal ħmerijet!

T.—Daun m'huma ħmerijet xejn Pepp. Il Bidui bosta drabı uakt ix-xoghol tieghu fir-raba jintaka ma insetti jew annimali oħra zghar u joktolhom ghax jaħseb li la huma dud jghamlu hsara fil bidia.

P.—Iva Ton, m'hux seuua jaħseb?

T.—Ma jaħseb seuua xejn. Fost il ħafna dud u annimali zghar li nintakau maħhom fir-raba hemm dauc li huma ħbieb tagħna u hemm dauc li jghamlulna ħsara fil Biedia, per esempiu, iz-zrinc u il gremxul huma ħbieb taghna ħafna ghaliex daun uakt li jiggerreu fl'ghelieki jeclu u jekerdu bosta dud li hlna jghamlilna il ħsara.

P.—Din katt ma cont nafa Ton. U allura liema hu l'actar annimal li jghamel ħsara fil biedia.

T.--Uieħed mill l'annimali li jghamlu il ħsara, hua il giurdièn ta l'ghelieki. Daun il grieden jeclu cull ma isibu u joctru malair uisk. Barra mil ħsara li jghamlu fil prodott huma jiccagiunau mill'ghar mard. Mita uieħed jinduna li ghandu min daun il grieden ghandu jaħseb biex jekridom malair, ghax inchella isiru mijet u icollu x'jghamel bizzeijed bihom. Il fniec salvaggi huma ta ħsara cbira ghall'Agricoltura ucoll, huma jghaixu il biccia il cbira billi jeclu il ħxejjex mir-raba u igħermu iz-zocc tas-Sigiar zghar.

P. Bravu compli gheidli.

T.—It-tfal ghandhom drauua li jakbdu u jekerdu bosta insetti li huma ta gid cbir ghalina. Meta tiltaccia il Cola, Pepp, tilmaħ ħafna tfal bil caxxi voita tas-sulfarini, jakbdu il col fil caxxa u jibkghau jilghabu bihom sa chemm joktluhom. Dan m'ghanniex inħalluh isir Pepp, u is-surmastrijet ta l. schejjel imisshom jghalmu lit tfal fuk dan is-suggett. Il Cola ti faccia f'mument li il gionna taghna icunu impestati bil berghout isued, (Aphis), u il col imur izur dauc il pianti mimlija b'dan l'insett u jibka sa jekirdu collhu

P.—Taf x'nixtiekec tgheidli Ton; ic-Centopiedi jghamel xi ħsara?

T.—Hemm bzonn li tcun taf tgħaraf ic-Centopiedi mil Millepiedi Pep, ghaliex huma quasi li stess fil uakt li uieħed jghamel gid u l'ieħor jghamel ħsara.

P.—Allura chif narafhom Ton.

T—Ic-centopiedi ghandu par sakajn cull porzion, u jgheix billi jecol insetti u dud u bait ta l'insetti u tad-dud. ghal-dakstant ghalina hua ta gid immens. Il Millepiedi ghalchemm jixbaħ l'ic-Centopiedi ghandu giex pari sakajn f'cull porzion, u jghamel hsara cbira fir-raba.

## IN-NITRAT TAS-SODA

—

*X'inhu u ghal fejn natu minnhu lil Prodotti*

Din il mistoksija giet ghal bosta drabi mghamula mid-dilettanti, giardinari u bdieua, daun ta l'aħħar huma l'ectar li ghadhom ma fehmux bizzejjed x'inhu u chemm hu meħtieġ in-Nitrat ghal prodotti.

In-Nitrat tas-Soda ma hux medicina, mistura jeu ħagia disinfettanti ; il kauua li ghandu li jiscansa il prodotti mil mard hi gejja mix-xghol li jgħamel hu li izomm il prodott b'saħtu. Prodott b'saħtu bħal ma jaf culħatt jifaħ izied għal mard.

In-Nitrat tas-Soda hu demel chimicu ta sustanza kauuia ghal prodotti, Hu jati prodotti isbaħ, ta quantità u pis uisk icbar.

In-Nitrat tas-Soda ikalla flus lil Bdieua. prodotti bin-Nitrat tas-Soda jirbħu dejjem l'akua prem. fl'esposizionijet.

---

## Chif u chem tuza Nitrat tas-Soda

Imħabba in-nukkas tas-sustanzi meħtiegia, bosta bdieua jeħdu prodott zgheir. Illum hia ħagia li jafa culħatt li l'uzu tan-Nitrat tas Soda hua meħtieg u fli stess ħin ta klieħ il flus.

### Il Patata

In-Nitrat tas-Soda ghal prodott tal patata m'hux biss hu tajjeb izda MEHTIEG, u ebda bidui li ma juzaħx ma jista jeħu prodott chif imiss.

Tliet tijem uara li tizra, xerred fil uicc 4 tartal Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba ergia ghati 4 tartal oħra malli timbet u ratlejn oħra xahar uara.

Dauc li ituħ fil gionna jeu raba zgheir jistau jiccalculau nofs ukia cull jarda quadru cull darba.

CABUCCI, GIDRA, PASTARD, BRUSSELS-SPROUTS, BASAL, PITRAVI.

Min sebgha sa tmien tartal Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba, malli jixxettel u *jakbad*. Li stess dosa xahar uara.

HASS. INDIVIA, SPINACI.

Ghati mxerred fil ŭiċċ nofs quart Nitrat fuk cull gherba jardi quadru. Li stess dosa tlieta jeu gherba gimghat uara.

ZUNNARIA JEU CAROTI

4 tartal u quart Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba 20 giurnata uara li jimbet. Ghati li stess xahar uara.

KAKOCC

Ukija cull jarda quadru meta icun zgheir. Ati li stess dosa malli jibda jifforma ir-rius.

IL CRAFES.

In-Nitrat tas-Soda jati risultati uisk sbieħ fil coltivazioni tal ħxejjex collha, din hia ħagia li ftit huma il bdieua li ma jafux biha ; ghal crafes in-Nitrat hua famus ucoll. Kabel il crafes jigiu imburgiati biex jeħxienu u jibjadu hemm bzonn li tati ma duar cull xitla mimli mgharfa minnhu, sakki uara li tati in Nitrat, u imbaghad jimborgia ix-xitla. Dan ix-xoghol ghandu isir f'Settembru.

TUFFIEH TADAM

2 imgharef f'cull landa tal pitroliu ma l'ilma, issakki bieħ meta tcun ix-xitla gholia 4 pulzieri mill'art. Ergia sakki bl'istess dosa gimgha uara. Dan ilaħħak ix-xitla bicri. Malli il pianta tibda tgħakkad il frott ergia sakki bli stess dosa, giex imgharef f'cull landa tal pitroliu, darba cull tmien tijem ghal tliet gimghat jeu xahar.

KARA TUIL.

Nofs ukija Nitrat tas-Soda f'cull gallun ilma darba fil gimgha, malli jibda jifforma il kargha.

ID-DUIELI.

F'Jannar ghati ma duar cull sigra, daks pied boghod miz-zocc mimli zeug imgharef Nitrat tas-Soda, u ergia ghati li stess dosa ghal ħabta ta Marzu-April, sakki cull darba uara in Nitrat jech ma tghamilx xita.

GHAL KAMH.

Il kamħ iridu uisk in-Nitrat (ghara pagina 36 fil "Bidui" Nru 2).

Ghal kamħ mizruħ f'Dicembru ghati nofs uizna Nitrat fuk cull sieħ raba ; nofs uizna oħra fuk cull sieħ raba xi xahar uara.

Nota.—Biex in-Nitrat jixxerred seu, ħaltu *seuua* ma xi ftit trab XOTT jeu ramel.




12, Via Cospicua, Zeitun.
22 ta Ottubru 1927

Sur Editur,

Ghandi piacir ingharrfec lil bidui min ta din in-naħħa li uza in-Nitrat tas-Soda ghandu patata mill'isbaħ u jinsab bigħa ferħan uisk. Dan juri il ġid cbir li kghec jghamel in-Nitrat tas-Soda f'Malta.

Serv tieghec
EMMANUELE MAGRO
Perit tas sigiar u tal benificati tar-raba.

---

187, Molo Misida, Misida, Malta
25 ta Jannar 1928

Sur Editur u Direttur Onorarju ta l'imfaħħar Foliu Agricolu-Industriali il *Bidui*.

Min bosta zmien smaitom isemmu dan il giurnal tant importanti tighec u xi tghalim li chien fieħ li lili tant ghogibni. Billi jena dilettant tal fiuri u ta xi ħxeije; oħra, staksejt min fejn nacquista il *Bidui*, li sibt li tant hua mexxej fil copji tighu, u bir ragiun, ghaliex malli iddubbajtu u krajtu rajt chemm hua ta utilità cbira. Jena, intant, uzajt in-Nitrat tas-Soda bl'acbar esattezza li ighejd il giurnal fuk xi ksari, u billi xi fiuri kghedin jatu risultat uisk tajjeb u aħjar milli chienu, tant ħadt piacir b'dan in-Nitrat, ghaliex dach li tant cont nispera minnu irnexxili u serraħt lil kalbi.

Sinjur, mhux bizzejjed dan i digià ghedt, ghaliex billi niddiletta ħafna tħajjart nati dan in-Nitrat tas-Soda fuk il patata ucoll li chelli digià mizruha *min xi xahrein kabel* fi ġnejna zgheira li ghandi, u ippruvajt nati fuk biccia zgheira minnha ghaliex chien tard uisk. Izda billi ma tantx ilhi li klajta sibt li, *avolja chien tard ħafna* u ma ghamiltx dach li chien bzonjus ghalieha mill euuel, insib li f'dich il bicca il patata chienet *actar cbira u bnina*. Issa zrait l'oħra bl'acbar attenzioni u esattezza chif ghandi fl'imfaħħar giurnal il *Bidui*, u nispera li bir-risultat taħħa incun actar sodisfatt min kabel billi din l'affari incun esegueita sewwa u tirnexxili actar.

Nirringraziach ħafna mit-tgalim li ħadt mil giurnal tighec il *Bidui*, ghax rajt chemm tasseu hua bzonjus dan in-Nitrat tas-Soda, li jena b'kalbi colla n'apprezza bħal bosta oħrain, anzi *nirricommandah ghax hua ta bzonn cbir ghal prodotti*.

Nibkghalec obligat dejjem, Sur Direttur, tal ġid li ghamiltli

Jena hua serv umilissimu tighec
FRANS DIMECH.

---

15, Piazza S. Nicola, Siggieui

Sur Editur,

Billi jena uieħed mil karreija tal giurnal il *Bidui*, sirt naf, bi piacir cbir tighi, li il bdieua ma ghadomx lura daks chemm jaħsbuhom x'uħud, u li bdeu jiftħu gainejhom bħal ma ureu min dauch il littri li inchitbu, mictubin min bdieua jeu dilettanti, li ħairuni nicteb xi ħagia forsi tcompli tisua ta xi ġid lil shabi il bdieua.

L'euuel nett il bidui ghandu idaħħala f'rasu, li lil uliedu (jech ghandu) jibghatom li scola, biex ghal'ankas icunu jafu jitchelmu u ma iħallux min iġebbidhom min imneħirom, u icunu jistghu jakrau' ghall'inkas x'inhuma jghamlu bdieua oħra u mhux jibka daca l'injurant ta elf se a ilhu, inħossni nistħi u nghali, tara familji ta 8 jeu 10 min-nies u ħatt ma jaghraf numru: ghaib u dnub!

It tieni, il bidui ghandu ineħħi min rasu dac il ħsieb li jesisti fuk il cotra li ghax missieru u nannuħ il patata katt ma bexxeuua bil cupru, u l'ir-raba katt ma tauħ Nitrat tas-Soda u ir raba chien jati prodotti sbieħ, u ghaliex hu, il *Bidui tullum*, ankas ghandu juza min daun l'affarijet jgheidlech collu dnubietna jaħtuħ. Ma ngheidx il cuntrariu, imma allura il mard l'ettor m'hux dnubietna ucoll jaħtuħ, ghaliex hemm it-tabib u il medicini ? Ma jafx l'imseichen li fi zmien missieru u nannuħ ir-raba ma chienux jghamluħ ħlief uicc uieħed jeu l'akua tnein fis-sena, meta illum, chiecu jista icun, cull gimgha, biex ngheid hech, irridu nuasslu uicc ghax jech ma nghamlux hech ma nis-

ghax immexxu, allura jech lir-raba ma nghinuhx bis-sustanzi li jinħtieg, chif irriduħ jirrendi chif chien mitt sena ilhu ? u din il ħagia jista jargha cullħatt, min ghandu bzon li ighejn ruħu b'xi ħagia taiba min jaħdem jeu min icun kieghed naħseb li min icun jaħdem (ghad li forsi u actarx ma icunx hech).

It-tielet, hemm bzonn li indaħħlu f'paijisna ghodda tar-raba moderni u li icunu ighoddu ghar-raba ta Malta jigifieri mhux goffi, ghax haun Malta, bħal ma jaf cullħatt, ir-raba il biccia il cbira collu ħafna ħbula daks mactur il uieħed u f'ħafna bnadi scars ferm mit-trab (ħamria). Allura b'ghodda cbira ma nistghux naħdmu. Barra min dan, it torok ucoll li jatu ghar-raba actarx li colla ħafna skakijen chemm tghaddi ħazin ħazin Ghalech jech l'ghodda tcun tista taħdem biha ma tcunx tista teħoda fil post fein trid taħdem, ghalech ghandna bzonn ghodda ġdida *imma a proporzion tac-ciocon tghana* biex hech ghallinkas ma nistghux naħdmu l'art chif chien jaħdima Adam u Cajin fil bidu tad-dinja. Ghaib ghalina il Maltin, naħseb li ankas il Gharab ma ghadhom lura bħalna, tismalil xi uieħed ighidlech : u iva, dejjem inħadem ir-raba alavolia ma chienx haun magni ! U mela ma jinħadimx imma ma jafx chemm jiffranca dbatija u *spejjes*, imma la hu hech tghallem, dach li jaf *hu* tajjeb biss, u min ivvinta daun l'affarijet ma chien jaf xein ! !

Issa jen jidhirli li jech nibdeu n'uzau daun il punti, cioè : 1. Scola lit-tfal ; 2. N'usau dauch is-sustanzi li ghandu bzonn ir-raba, bħal ma hu in-Nitrat tas-Soda ; 3. Ghodod tar-raba moderni, aħna ncunu nis tghu nimxu, jech lè, lura aħna bizzejjed imma actar incunu ghalli gej ! ! !

Ghoddni dejjem bis-serv tighech
PAUL BONELLO

N. B. — Il ħabib tghana, ghandu elf ragiun. Jinħtieġ li nifmuha darba ghal dejjem ill illum ma hux iz-zmien li chien mitt sena ilhu. L'art tal-lum hi uisk izied fkira mis sustanzi milli chienet dac iz-zmien. Barra min dan, nannietna ma chienux im-ħabbtin bil mard tal prodotti, bħal m'aħna imħabbtin illum. Il bidui jinħtieġ jifimha, bħal ma kal il ħabib tghana, is-sur Bonello.

*Nota ta l'Editur.*

36, St. San Giovanni, Musta

Sur Editur,

Il bidui ghakli jimla l'art tieghu bis-sustanzi, u jati ucoll xoghol chif titlob is-sengha biex il ghetien icunu mill isbaħ.

Il ghetien jinħtieġu ucoll "xita" biex l'art izzomm umda, "arja', biex minna jeħdu certi sostanzi, u "trab" biex fieħ iġerru il gheruk.

Is-sengha hi tkila uisk ghal biex tcun tafa colla, ghalecc bidui jitghallem chemm jitghallem icollu bzonn dejjem jitghallem.

L'ekdem nies ignidu : "ibni, ticber u tit-ghallem," kaul li ifisser : id-dum chemm id-dum ħaj dejjem titghallem, ghax dejjem chienu jifmu l'is-sengha tal biedja ma fibiex tarf ta tghalim. Is-snajja l'oħra bejn uieħed u ieħor fihom taif nghidu l'esempju : ħaddied mita jixba jaħdem dich il qualità ta xoghol, icollu jixtri ghodod oħra, izda l'bidui jixtri ghal cumdità, u m'hux biex izid fis-sengha.

Il pompi tal bexx jixtrihom biex jeħles mix-xoghol, ghax jista ibixx b'ħuxliefa, il menfaħ tal cubrit ; jista jati min ħagia mtakba, muturi biex itellghu l'ilma jeu pompi tar-riħ minghair spejjes u bosta u bosta ħuejjeġ oħra.

Bosta mil bzonn li icollom is-snajja tin-ħtieġu l'biedja ; per esempiu ; l'avviatur ghandu bzonn tal grja biex fiha jiġri chif irid ; il biedja tienħtieġa chif ġa ghedna, bidui jibda irid jifhem fil magni ghax bħal ma ġa rajna ir-raba tghana muturi ghax-xoghol, pompi tar-riħ, tal bexx ecc. Tabib ifejjak il mard, il bidui forsi ma ghandux bzonn jifhem fil mard tal prodotti u l'an-nimali ? ma iridx il bidui ta Malta jibni il ħitan tar-raba ? ma iridx icollu sengha ta raħħal ? u ma iridx ucoll iseuui it-torok biex minnhom ighaddi u jakta xi blat mir-raba tieghu ? Insomma bosta ħuejjeġ oħra li, jech bidui ma icunx jafhom, tidħak biħ. Imbaghad ir-riħ li jinħtieġu il bastimenti ! il biedja tinħtieġu bil bosta ghal zmien il kiegha : ghaldaksech il biedja tghakkad maħħa colla chemm huma is-snajja; x'uħud tinħtieġom il biedja, oħrain jintghamlu min affarijet tal biedja.

Ir-rjieħ jitkassmu fi 32 riħ, minnhom hemm 4 principali li huma Tramuntana, Nofs-inhar, Vant, Punent. Bejn daun jinsabu erbgha rjieħ li ghandhom l'isem Majistral,

Biċ, Grigal, Xloch. U'l cumplement 24 imxerrdin bejniethom. Daun huma colla rjeħ; imma il bidui ghandu icun jaf li hemm ittaibin u il ħziena. Kabel il bidui ma xi ghetien li icun laħħak ghandu bżonn ifittex x'riħ hu, ghax xi ħuejjeġ jibzghu mirriħ ħazin, u il bidui mghandux ighaffeġ chif ġiè ġiè, ghax jista jitlef dach l'ghata li laħħak b'gharku.

Ghandna xi ghetien li ma iridux taklib f'rieħ ħazin, u ghalech jen ctibt ghal *Bidui* xi ħaġa fuk dan is-suġġett, biex dan il ġurnal icun fiħ min cull tghalim, u b'ech il bdieua ma jitilfux ġid b'ideihom.

Ir-riħ ħazin hua dens u idellech, b'ech, il bniedem u l'annimali flimchien ma l'uċuħ tar-raba huma suġġetti ghal mard. Xi prodotti imbaghad jibzghu ferm min dan ir-riħ, u dauch l'oggetti li ma jitticlux frischi hemm bżonn li uieħed jghamel attenzioni; mela uieħed ghandu ifittex rjieħ tajba, bħal ma huma: il Punent, Majistral, Tramuntana, biex iuarrab il ħsara min fuk l'oggetti li icun seijer jaħzen.

L'ectar li uieħed ghandu jokghod attent ghal daun l'affarijet imsemmija, Tin: ghandu jixxemmex u jinħazen f'riħ tajjeb; Teum: jinkala f'rieħ tajjeb; Kara, Bittiħ tax-xitua: jinkata f'rieħ tajjeb; Kasab: jinkatghu f'rieħ tajjeb; Gbejniet bil bżar ghandhom jinħaznu f'rieħ tajjeb; Laħam immellaħ: irid jinħazen f'rieħ tajjeb; Pikles: jintila fi fliexchen b'ħall pur f'rieħ tajjeb. Ghandna ucoll xi affarijet oħra li jinħtieġu riħ tajjeb, u ghalech uieħed ghandu jokghod attent biex l'ichel ma jonkos katt, ghax: Ix-xitua tghamel taħħa, mischin hu dach li ma ghandux biex jilkaħħa. GIO.-MARIA MANGION.

## IL ĦANZIR

Mictub mill Professur J. Borg M.A.,M.D.
Suprantendent tal Biedia.

(*Jissocta man-numru ta kabel*)

### IT-TMIEH U IT-TISMIN

Il Bidui li irid isib l'imgħax u il klieħ tighu fit-trobbija tal ħniezer, jaħtieġ li icun jaf seuua chif ghandu jitma u chif ghandu isemmen. Ħanzir tal ftama irid minn nofsartal sa ratal smida cull jum. Malli il pis tighu jirdoppia, icun irid xi ratal u nofs, u malli il pis tighu isir ħames darbiet daks chemm chien fil ftama icun jecol xi darbtein u nofs daks chem chien jecol x'Ħin infatam. Il lum ir-razez tajbin, jghamlu ratal laħam ghal cull tliet-artal smida, jeu ichel iħor sustanzius bħalu, li icunu chielu. Izjed ma il ħanzir jissemmen f'kasir zmien, iħalli klieħ izjed, ghaliex verament icun chiel min ħanzir li dâm jissemmen. Min hecc jista uieħed jifhem li il ħanzir li ilaħħak kantar f'erbghein gimgha, ghaliex f'dauc il ħmistax il gimgha li dam izjed icun icconsma l'ichel m'hux biss biex jismen, imma ucoll biex jgheix, u dan il consum zeijed hua telf ghal min irabbi. Ħanzir zaghzuħ ta razza tajba li ma jizenx izjed minn 25 sa 45 ratal jghamel ratal laħam ghal cull tliet-artal smida li jecol; meta isir jizen bejn 45 u 66 ratal icun irid tliet-t-artal u tliet quarti smida ghal cull ratal laħam li jaghmel; meta il pis tighu jilħak bejn 67 u 85 ratal icun irid mal erbgha-t-artal u quart smida ghal cull ratal laħam li jghamel, u mita il pis jilħak bein 85 u 98 ratal icun irid mal erbgha t-artal u nofs cull ratal laħam li jaghmel. Mela nistghu ngheidu li ratal laħam biex isir ta kantar irid spisa daks ratal u nofs fuk ħanzir zaghzuħ, ngheidu aħna ta nofs kantar jeu ftit inkas.

Ghandna niftacru ucoll li il ħanzir actar jismen malajr fir-rebbigħa u fis-sajf milli fix-xitua, ghax il bard jaghmel bieħ uisk, u biċċa cbira mill'ichel li jecol, f'loc li jghamel il laħam, jinħela biex jghamel is-sħana tal gisem.

It-taħlit fl'ichel jghamel taijeb, u isemmen eħfef u aħjar. Minn hecc jigi li issmida tal kamħ jeu tal maħlut, jeu il farru tax-xgheir uaħdu ma isemmenx daks mita icun imħallat mal patata mgholliha; u ittaħlit tal patata mgholliha, mas-smida u max-xorrox tal ħalib isemmen uisk aħjar u jghati laħam izjed bnin. Niftacru ucoll li biex il ħanzir jismen malajr jaħtieġ inzommuħ cuntent, u ghalhecc ma ghandniex inħalluħ uaħdu fil makjel, ghax jghamel f'kalbu, imma ghandna inzommu il ħniezer tnein tnein jeu tlieta tlieta f'makjel uiħed, irgiel ghalihom u in-nisa ghalihom. L'ichel ghan-

du jintgħata bil ħin, għaliex il ħanzir malli jasal il ħin tal ichel malajr jiddejjak jecc jibka xi ftit bil ġuħ; u il quantità tal ichel trid tcun b'mod li tittiechel collha u ma jibkax f'dal ta xejn, jigifieri il ħanzir li kighed jissemmen għandu icollu ichel chemm jiflaħ jecol, jech jibka xi ħagia tal f'dal għandha titnaddaf kabel ma inkgħedu l'ichel frisch, biex ma titrabbiex krusa u il ħanzir jibka dejjem f'saħtu u f'aptitu.

Għal dac li hua ichel nistgħu ngħeidu li ratal smida fieħ sustanza daks ħames t-artal zunnarija jeu daks sitt-artal ġdur jeu patata. Il farru tax-xgħeir jeu tal maħlut, jeu tal kamħ-ir-rum isemmen inkas milli chiecu il kamħ jeu ix-xgħeir jeu il kamħ-ir-rum jindaħnu irkiek. Is-smida fiha id-dkik u is-smid u għalech issemmen uisk izjed mil granza jeu min-nuħħala. Il granza miziuda bil ħalib jeu bix-xorrox hia ichel mill'aħjar u biha nistgħu niffrancau xi ftit mil li spisa tas-smida. Il għeruk, bħal ma huma il pitravi tal farag, il carrotti tal farag, in-neveu il patata, il patata ta Gerusalemm jeu articoch, izommu il ħanzir f'saħtu u f'aptitu għax inaddfulu l'imsaren. Is-smida, u l'aħjar il farru jeu is-smida tax-xgħeir jeu tal maħlut, tixxarrab fl'ilma chiesaħ, uaħdu jeu bil ħalib jeu xorrox, u maħħa ngħatu xi ratlein jeu tlieta patata mgħolliha, jeu zunnarija jeu pitravi tal farag, imkatta bcejjec. Is-smida tal kamħ-ir-rum hia ichel mil aħjar għal ħniezer għad li tagħmel laħam inkas mil farru tax-xgħeir.

Dan iz-zmien juzau f'xi paijisi jgħalfu il ħniezer bil cheich (cake) jeu ftajjar li jibkgħu bħala fdal mill għasir taz zejt u ta xi zrieraħ. Juzau uisk il cheich tas-soja tal koton, tal chittien, tal carauet u oħrain. L'aħjar fosthom hu il cheich tal carauet, imma bl'oħrain il-laħam jitlef mit-tgħoma, u tant il beicon u chemm il perzut jeħu it-tgħoma taz-zejt, u icun artab u idellec donnu fieħ iz-zejt. L'għar cheich hua dac taz-zerrigħa tal chittien u uaraiħ jigi dac tas-soja, u l'inkas li jgħamel ħsara hua il cheich tal ful u tal carauet.

## Il Makjel.

F'daun il Gzejjer ma għandniex boschijet u artijet fein nistgħu inrabbu l'imrieħel cbar tal ħniezer bir-ragħaj. Noħorgiu nirgħau il ħniezer fuk xi biccia mgħoxa, actar biex intuhom l'arja u ftit tal mixi u tfarrig, milli biex ilakktu xi ħaxixa jeu xi ichel iħor. Inzommuhom ucoll jiġru fil btiħi jeu fl'imnadar tar-rziezet, għaliex ma jistax icun li il ħniezer jinzammu dejjem mgħalukin fil makjel, mingħair ma ibatu u jimirdu, ħlief uakt it-tismin taħħom għal katla. Il makjel irid icun magħmul minn zeuġ parti, jigifieri mill gorboċ u mil mandra, u daun iridu icunu cbar bizzejjed biex fihom jokgħodu fiimchien zeuġ ħniezer jeu tlieta, biex iuensu il xulxin mingħajr ma icunu fid-diek, u inkas ma icollhom uisgħa zejjed fein jokgħodu jiġru u jitħabtu u ma jismnux chif imissħom. Il makjel għandu icun mibni bil ħaġar u imsakkaf bix-xoroc, bit-torba fuk biex ma tinzilx ix-xita, u ma tantx tinfed is sħana tax-xemx ma tul is sajf. Il kigħa trid tcun iċċangata jeu bil concos, u makluba għal fuk barra biex ma tistgħadarx l'aurina u l'ilma u biex il makjel icun jista jitnaddaf mingħajr dbatija. Id-daks tal gorboċ għal tnein jeu tliet ħniezer bizzeijed icun sitt ixbar uasgħa, bi tmienja jeu disgħa tixbar tul, u l'għoli tigħu għandu icun li ragel jista jidħol mingħajr ma jokgħod ibaxxi. Minn kuddiem irid icun miftuħ għal collox għal fuk il mandra, u dina tcun fit-tul u fil uisa m'hux inkas mil gorboċ, jeu xi ftit itual. Il maxtura tista tokgħod geuua il gorboċ jeu barra fil mandra, imma fix-xitua aħjar tcun giol gorboċ, imsammra tajjeb mal ħajt, biex ma tinkalebx malajr. Trid tcun tiltaħak minn barra, biex min jgħalef ma icollux jidħol cull darba gio'l makjel. Il ħaut tal ilma aħjar jokgħod gio'l mandra, biex ma icunx hemm ċaflis gio'l gorboċ. L'ilma hua meħtieġ uisk għal ħanzir, għalbiex l'ichel jgħaddi aħjar, u l'animal jinfex izjed fis-simna. Il makjel irid icun kighed iħares lejn nofs-in-nhar biex icun fieħ irdoss, u icollhu xi reuuieħa jeu tnein lejn is-sakaf biex tgħaddi l'arja. Il huxlief tas-sodda għandhu jidbiddel ta sicuit biex ma irabbix krusa, u malli il makjel jitbattal mil animali għandu jitnaddaf u jitgħadda xi darbtejn bil ħalib tal ġir, il ħitan, l'art u is-sakaf, biex ma jibkax it-tniġġis ta xi mard. Culħadd jaf chemm jimirdu il ħniezer u għalhecc

ghal dan l'animal, minnhu in-n ishu maħmuġ, hemm bzonn li jinzamm chemm jista icun fl'indafa. Malli narau li ħanzir ħabat jimrad minnufieħ ghandhu jinzamm cuarantina ghalieħ f'xi makiel fil boghod minn sħabhu, sachemm narau x'marda tcun. It-tindif ta l'imjekel għandhu icun ta sicur, cull jumein, jeu darbtien fil gimgħa, u id-demel għandhu jingabar x'imchien fejn ma irabbix dbieben għax daun imorru jinġabru fuk il ħniezer u bil kris taħħom idejku u jistghu imarrdu il ħanzir uakt li icun kighed jissemmen.

Id-demel tal ħanzir jinten usk izjed middemel ta animali oħra, u bir-raġun, ghaliex billi il ħanzır jecol ichel sustanzius, id-demel tighu icun fiħ sustanza cbira. Dan id-demel m'hemmx bħalu ghal gheleijel u ghal ġenna; irabbi uisk u ma jaħrakx l'art, jiġifieri tista tghati minnhu chemm trid minghajr bizgha li l'għelejjel, jeu il pianta li tcun, ghanda mnein tinched jeu tinħarak. Flaħħarnett il ħanzir ma gnandniex inħalluħ jirgha fejn jista jilħak il ħmieġ tal bnedmin, jeu xi ichel jeu ghalf imniġġes b'dan il ħmieġ, ghaliex dan jista icun fieħ id-duda (il vermi solitariu) u jech il ħanzir jecol xi biċċa min din id-duda, jeu il bajd irkiek li icun fiha, il laħam tighu jimrad bil ħabb, u jigi iccundannat mit tabib tal biċċeria ghax ma icunx tajjeb ghal ichel bħala laħam frisch.

Il bdieua tgħana actarx li huma zghar, ghaliex ftit huma dauc li għandhom uisk x'jaħdmu, u ghalecc ma nittenniex li il cotra fosthom icunu jistghu irabbu izjed minn zeuġ ħniezer jeu tlieta cull darba, ghad li hemm ghadd sabieħ fosthom li jistghu irabbu minn erbgha sa tmienja jeu izjed, scond il ġuies li icollhom. Gha ex ngheiduha chif inhi, il bidui li biex irabbi il ħniezer icun irid jixtri il guies u l'ghalf li collu li itihom, isib li spiza actarx tkun ghalieħ u ma jithajjarx Ta-seu li ħafna bdieua jgheidu li il ħniezer huma bħal cherus li fieħ il bidui ifaddal ħakk biċċa mil kbiela jeu il kbiela collha, imma oħrain l ma tantx ghandom nifs isibu li dan ma jistghux jgħamluħ. Imma nerġghu ngheidu, li biex trabbi u issemmen zeuġ ħniezer jeu tlieta ma hemmx bzonn icolloc nifs uisk Ghedna li il makjel, uieħed tad daks li semmeina, hua bizzejjed għal zeuġ ħniezer jeu tlieta, u hecc il bidui jistgha irabbi cull sena minn sitt ħniezier sa tnax, ghaliex ma izommomx izjed minn erbgha xhur, u bil kliegħ li jiblgħalu jirtiled m'hux ftit.

Min izomm zeuġ ħniezer nisa ghar-razza jaħtieg li icollu zeug t-imjekel, bil mandra ftit cbira biex il frieħ icollhom fejn jiġru. Il ħanzira bil frieħ ghandha tokghod għaliha ghax inclelè jista icun hemm il ġlied bejniethom, u uakt il giri u it-taħbit ghandu mnein il ħanzira tghaffeg jew toktol xi ferħ min taħħa stess, minghajr ma tcun trid. Mita imbaghad il friegħ jitfarfru jistghu jokghodu flimchien maz-zeuġ ommijet f'merħla uaħda. Il friegħ uara tmien gimghat jinfatmu minn ommhom u jistghu jinbighu għat-tismin, jeu jecc li stagiun icun ħazin, nistghu inħalluhom jirghu u nghadduhom chif nistghu biex imbghad jissemmnu u jaslu ghal biċċeria ghal ħabta li nixtieku. Imma hemm bzonn intennu li min jibda isemmen uara il ftama, u iuassa ghal bejħ laħam imsemmen u zghazuħ, jaħbat.u actar.

Min irid irabbi il ħniezer bil ghadd cbir, jakbillhu izomm leuuenett il ħniezer nisa li jinħtieġ biex icollu il friegħ collha li ghandu bzonn; u hech, l'actar jech izomm ucoll xi hanzir tar razza, icun fis-sgur li chemm fil ghadd u chemm fil cualità tar-razza, il frieħ li icollu icunu tasseu frieħ tajbin u li iballu il klieħ. Imbghad jaħtieġ ucoll li irauuam jeu jibni l'imjekel fejn irabbi il ħniezer. Jakbillu chiecu jibni l'imjekel chif jibnuhom fl'Inghilterra u fid-Danimarca, jiġifieri mil faċċata tar-razzett li tħares lejn nofs-in nhar, jibni bħal curritur uisgha xi erbgha tixbar u nofs, jeu metru u nofs, mindud scorra ghal nofs-in-nhar minn fuk il faċċata li semmejna u minn naħħa il uaħda u l'oħra tal curritur jibni li mjekel li ghandhu bzonn, u hecc daun icunu iħarsu biċċa lejn il lvant u biċċa le n il punent. Ir-ras tal curritur tispiċċa fil beraħ, ghal arja. L'imjekel icunu collha ta daks uiħed bil gorboċ u il mandra taħħom, chif ghedna, u billi minn tarf tal gorboċ minn tal lvant ghal tarf il gorboċ tal punent, bil curitur bejniethom icun hemm mal ghoxrin xiber jeu izjed, jista uieħed italla ghorfa sabieħa, uisgha xi ghoxrin xiber u tuila scond il ghadd tal griebeċ, li tcun tisua mhux ftit

għal ħazna tal faraġ u tal mgħalef collhu. L'imjekel icollhom ɔieb għal gio'l curitur, biex l'għalf isir minn hemm, imma cull mandra icollha bieba għal barra biex it-tnaddif isir minn barra, u hecc il curritur jibka nadif u minn barra ucoll jintela il ħaut tal ilma tax-xorb. Forsi xi ħadd jidirlu li dan il bini hua spiza zejda imma bla rcaptu xejn ma isir, u min irid icollhu ħaġa seuua aħjar jarma taijeb mil leuuel.

(*Jispiċċa f'ħarġ'oħra.*)

## Il Karaboċċ.

Il pianta tal Karaboċċ *Sorghum Vulgare* gejja mill Africa tropicali, u hi pianta annuali. Tinzara f'Marzu-April bit-tixrid fi flanni jeu fil beita, fis-saqui chemm fil bgħali. Il pianta tigber kauuija u f'Lugliu-Auuissu tagħmel iz-zbula li tinħasad f'Settembru. Dil pianta titlob art frisca u meta tigi imsokkija regularment u im demla bin-Nitrat tas-Soda tati prodott enormi u sabieħ, bħal ma jidru fli stampa li kegħdin igibu haun. Il karaboċċ chien xi darba uzat, u f'xi pajjisi għadu sal lum uzat biex isir il bobs; izda il karaboċċ hu l'actar uzat bħala magħlef għat-



Mingħajr in-Nitrat tas-Soda Bin-Nitrat tas-Soda
(Prova mgħamula mis-Sur C. Zammit-Marmarà)

tiur. Il karaboċċ ohxon abiad mingħajr tebgħa, *Sorghum cernuum*, hi pianta izjed b'saħħita izda għad li forsi ma timliex daks il karaboċċ comuni, tgħamel sbula izjed cbira u magħkuda, dejjem immejla l'isfel. Din il qualità hi izjed sajfija u tista tinzara imsokkija sa Giunju għaz-zbula u ma tul is-sajf collu għal aħdar.

Il karaboċċ hu prodott *li jirrendi uisk* u chiecu icun cultivat ħafna forsi chien jehu post il kamħirrum chiecu ma chienx hecc sogget għal ħsara tal għasafar, specialment tal għasfur tal bejt.




MANUEL U PAULU

(*Dialogu ta tghalim ghad-delettanti*)

—

P. Hemm x'int tghamel Manuel bl-umbrella miftuħa?!

M. Ghara, x'hemm Paul, enkas indunait li sictet ix-xita.

P. Il marelli x'int aljenat.

M. Aljenat dakxejn; k'ghed nosserva il ġmiel ta daun il Kentia u'l palm l'jeħor. Sbieħ hux Paul?

P. Sbieħ inghaid!

M. U jen chelli x'gherba marruli, filli chienu tant sbieħ, filli tkaċċtu min uicc il ħamrija.

P. U't-toroc chemm int trascurat biex ħalleithom ikaċċtuhomlec.

M. Ma fimtnix Paul. M'hux chissruhomli; izda filli chienu tant sbieħ, filli f'salt uieħed donnà il kalba irtabet, il pianti tbielu f'salt u spicciau.

P. Issa kghed nifmec, allura il ħsija tibka tighec xorta uaħda. Il palm li kghed issemmi scaldaulec mill-l'gheruk.

M. Iva hecc donnhom, ghax malli misseithom dakxejn, il palma giet fidi collha seuua seu min uiċċ il ħamrija, u'z-zocc principali chien imħassar. Dac m'niex jigi Paul?

P. Jigi min dac li ghalieħ ammoneitech elf darba—*l'ilma bla kies*. Bħal ma jghamlu bosta delettanti inti taħseb li ectar ma tati ilma il pianti ectar jicbru, dan hù sball. Il pianti fil ksari ghandhom jissakkeu regulari u m.ta jinħtieġ, la tati izzejjed u l'enkas in-niekes.

M. Allura it-tighom *ftit* ilma cull darba?

P. Le! Dan hu zball jeħor tieghec, m'hux darba u tnejn li raitec jen stess tiġri bil canna ghal taparsi is-sakki, u b'canna ta gallun ilma is-sakki bosta ksari! Dac ma tcunx is-sakkihom izda toktolħom. Imbghad lil pianti oħra li jidirlec int tmur ittighom canna ilma cull uaħda culjum. L'ilma hu l'akua cultivazioni tad-delettant, u ghandu jintghata bil ghakal.

M. Fissirili seuua din il biccia Paul.

P. Il pianti ghandhom bzonn il mistrieħ, u jecc tati l'ilma minghajr ghakal tissuspendi li svilupp tal gheruk, sa chemm bil mod il mod jitħassru u jispiccia biex il pianta tmut.

M. Allura cull mita ghandi insakki il ksari?

P. Din m'hix mistoksija Manuel. Hatt ma jista jghaidlec nhar ta tnejn, nhar ta gherba u nhar ta gimgha. Mistoksija ectar ragionevoli chienet tcun "*chif incun naf mita il pianti icollom bzonn l'ilma?*"

M. Chemm se'ggiba b'it-tul Paul, ghaidieli......

P. Tibdiex tin-nervia Manuel. Il pianti jinħtigilhom l'ictar ilma mita icunu l'izied attivi, jigifieri mita icunu jarmu frighi jeu uerak giodda. L'ilma jghamel ħsa-

ra l'izjed mita il pianti icunu riekda, jigifieri mita ma icunux jicbru. Izda fi qualunque cas l'ilma ghandu biss jintghata mita jinħtieġ. Biex tcun taf hemmx bzonn issakki m'ghandecx tħares lejn uicc il kasrija. Il ħamrija tal uicc tista tcun niexfa, mentri li taħt icun ghadu umidu bizzejjed. Taptipa bil ghadam ta sughaic fuk il kasrija malair juric mil ħoss jecc hemmx bzonn ilma jeu lè. Malli uicc il hamrija jibda jinxef,uara cull darba li tati l'ilma, dan ghandec tonkxu. Katt tħalli uiċċ il ksari irabbi il hdura.

M. Prosit Paul.Grazzi hafna. Chienet biccia importanti tal-lum.

P. Se'nhallic Manuel, ghax reġiat kghed tkattar ix-xita. Sahha.

M. Sahha Paul.

## Il Kaddis Bidui
## SANT'ISIDORU

il hajja tighu fi ftit chliem, migiuba mill Can. Dun Vincenz Vella A.T.,S.T.B. *iddedicata lis-Sur C. Zammit Marmarà* Direttur ta dan il meħtieġ kari "Il Bidui" (It-tieni biċċa).

—

Collu mistghageb min dac li ra', mar b'ħerka cbira ifittex lill Isidoru u isibu uaħdu meħdi fit-talb lein Alla, kallu min chienu dauc li chellec mighec jahartu irraba tighi? Isidoru bil ħleuua collha nieġbu: Dauc chienu Angli t'Alla, ta dac Alla li tant jena inħobb, ta dac Alla li lilu bil kalb collha jena inservi, ta dac Alla li f'collox jekaf mighi. Dan jibghatli daun l'Angli xirca tighu, sabiex igheinuni fix-xoghol, u jixtu il barca fuk l'oksma tighi, "Iban kghad jaħseb fuk dan il cliem, u min ghajneih beda ħiereg iddmuh, u imghad kallu: "Compli chif int sejjer, jena ma nonksoc f'xein, inti ragel tajjeb, ragel kaddis, Alla hua mighec, u jena ucoll inkighed fieh il fiducia tighi".

Isidoru compla il ħajja kaddisa tighu meħdi fl'imgieba u fix-xoghol tal padrun tighu. Alla allura ragia saħħaħ il ħajja ta dan is-serv fidil tighu b'miraclu iħor. Dan il kaddis giurnata uaħda fil ghaxija nhar ta Hadd, fil Cnisja ta Santa Maria Maddalena tal pajis imsejjaħ Caramanehel, chien kighed ighamel orazioni, giara li certu lupu, ħarab mid-deserti, u fein il Cnisja, u ta' is-salt lil ħmar ta Isidoru, li dan chien ħallieh marbut fein il Cnisja.

It-tfal meta rau il-lupu intafa fuk il ħmar, dahlu malair ificciu lil Sidor, u kalulu b'dac li giara.

Dan bil ħleuua collha uiegibhom: "Ma jimpurtax, ighamel Alla" u compla ghal xogholu l'orazioni fervorusa tighu.

Meta spiccia it talb tighu, hareġ mill chnisja u isib il-lupu mejjet fl'art u il ħmar ma ghandu lebda gerha.

Darb'ohra il Cavalier padrun tighu. mar fuk il post, fir-raba tighu, u lill Isidoru ma sabux hemm, sab iz-zeug t'ifrat keghdin jahartu uehedhom min ghair hadd ma kighed imexxihom, allura ħaseb li Isidoru kighed f'xi cnisja ighamel orazioni. u f'locu halla l'Angli, biex jahdmu fuk il lant tighu, mar ificciu, u sabu tasseu fil cnisja ta S. Andrea, f'orazioni l'actar fervorusa donnu Serafin. Jecc irridu ngheidu xi hagia seuua fuk il kdusija ta Isidoru, sigur li katt ma conna nispicciau, ghaliex Alla ghoġbu ighamel mighu egiubijet l'actar cbar, biex iservi li f'cull stat jistghu isiru kaddisin, u jghallem lil Bidui chif ghandhom jimitau lil dan il kaddis patrun taħħom.

Mela darba chienet giurnata tal festa, u Isidoru imħabba fix-xoghol li chellu, li ma satax iħallieh ghal l'ghada, ma satax imur jisma il kuddies, collu id-dispiaciut, intafa fl'art ighamel orazioni. Huejjeg tal ghageb! Infetħu is-Smeuiet u jara fil Genna keghda issir kuddiesa mil kaddisin tas-sema. u assista maħħa b'kima u devozioni l'actar cbira.

II.

Jecc Isidoru chien veru Danieli fit-talb u l'orazioni tighu, chien xein inkas veru Serafin ghall'imhabba u il carità tighu, versu Alla u il proxxmu. Kalbu dejjem pronta biex ix-xabba il bnedmin u l'animali.

Mil kamh li chien jehu mill'art tighu chien ikassmu f'tliet parti, l'euuel parti jatiha l'Alla, l'ohra ghalieh u ghan-nies u l'ohra ghan-nemel u ghall'annimali. Chif fuk il hedma, chellu f'mohhu dac il cliem li Alla kal lill'Adam: "Ghandec tiecol il hobz bil gharak ta gbinec" hecc ucoll fuk il carità u l'imhabba tal proxxmu chien igib kuddiem ghajneih dac il cliem l'iehor u it-taghlim ta Tobia: "Jech Alla jipprovdilec bosta, ghati bosta, jecc ftit, ghati ftit minn dan il ftit li Alla tac."

U dan dejjem ghamel Isidoru chien jati minn cull hagia li icollu, b'idejh miftuha. U Alla katt ma naksu, ghaliex daru dejjem mimlija bix-xaba minn collox. Itghallmu ftit il Bdieua, minn dan il kaddis, min jaf chemm il darba Alla jipprovdilhom bil cotra haxix u frott jet, u jigi fkir jitlobhom frotta, minn floc li jatuh iduruh bil gebel.

Darba uahda, u m'hux uahda ta siquit, chien jissucciedi, Isidoru chellu xcora tgham, beda ikassam il kamh lil fokra, uara li spicciaha sa l'ankas kamha, ragia saba mimlija sax-xifer bil kamh, u birragiun ghaliex il carità hia tesor, li actar ma tferku actar jintela.

Darba uahda, chienet giurnata taxxitua, u fil hoss li chien sejjer il mithna biex jithan xcora kamh, jilmah fil piazza katgha hamiem, imterter bil bard u mejjet bil giuh. Malair uakaf, kighed ffart li xcora nehha mill'art, chif sata dac is-silg, naddaf l'art u xerred il kamh li chellu l'haun u l'hinn. Il hamim malli ra' dan il kamh, malair nizel bhal shaba baida fuku, u beda inommu bhal serp.

In-nies meta rau x'ghamel Sidor, bdeu jidhcu bieh u ighadduh ta iblah Imma Alla uera chemm ha piacir bil kalb helua ta Isidoru, ghal dina il carità mal hamiem bil giuh. Mita uasal il midhna ma chellux hlief li xcora bi ftit kamh fil kieh. X hin gie biex jithan saba mimlija u imfaura bil kamh. In-nies u it-tahhan hasbu hazin fieh, li dan il kamh serku mill li xchejjer ta l'ohrain, b'deu ighairuh halliel u briccun. Sidor uigibhom: Jena katt ma cont halliel, u katt ma dahalli f'mohhi li ghandi ninteressa lil hatt, dejjem cont cuntent b'dac li Alla tghani, ghalhecc jecc jidrilcom li dan it thin hua taghcom, huduh ghal xogholcom, jena niehu dac il ftit tat-tgham li chelli. U hecc ghamel tefalhom fli xchejjer tahhom dac it-thin zejjed li chellu actar mill kamh tighu. Imma huejjeg tal ghageb! uara li quasi svoita li xcora mitthin, din ragghet intlietlu bhal kabel.

Cullhatt ghalech baka mistghageb b'daun l'ghegiubijet collha.

Meta Isidoru uasal sabiex jehu li stat tieghu chienet tinsab xbeiba jisima Maria ta Cabeza, saba tuajba, haddiema, u imzejna b'dan il gmiel tar-ruh u tal gisem, Isidoru haseb sabiex jaghzila b'gharusa tieghu. Din iccuntentat, ghaliex f'Isidoru sabet verament dach collu li chienet tixtiek. Daun iz-zeug gharajjes gibdu fukom il barca tas-Sema, chienu jinhabbu bhal zeug t'ahua, kalb uahda u fehma uahda. Maria dejjem ubbidienti ghal dach li chien irid minnha zeugia, attenta ghal dach collu li chien jinhtieg ghad-dar, tghejnu fix-xoghol collu tighu, u tfittex li titghallem minnhu il kdusija u il virtù, u f'din li scola tal kdusija ta Isidoru tant ghaddiet il kuddiem li illum n'ivvenerauhom fuk l'altari l'it tnein.

Isidoru chellu tama u speranza kauuija f'Alla, katt ma chien jakta kalbu min xein, ghandu l'Alla, ghandu collox, hua jahseb fieh ghal collox.

Cull nhar ta sibt fil ghaxija chien ikassam collox lil fokra, gara li darba uahda, uara li chien kassam u tgha collox lil fokra, giè kuddiemu pellegrin, actarx chien xi Anglu inchelia Gesù Cristu stess, dahhlu bil carità collha u kghedu fuk il mejda biex jecol, u chien jaf li ma ghandu xein, frattant kal lil mara sabiex iggib il borma bil minestra. Maria chienet taf li il borma ma chien fiegha ankas ilma, imma sabiex tobdi il chelma tieghu, giebet il borma u ippresentata fuk il mejda. Malli uaslet il

borma fuk il mejda u daħħlet il cucciarun, sabet minestra l'actar tajba, li minnha m'hux biss li chiel dach il pellegrin, imma chien baka b'ex l'ghada xabba ħafna fokra biegha.

Dan il miraclu Isidoru ghamlu m'hux din id-darba biss, imma bosta u bosta drabi oħra. Dan juri il cbira tama u confidenza tieghu f'Alla, rifront cbir ghal tant bdieua, li dejjem ighemgmu u jaktghu jeshom mil ħniena t'Alla, u tant huma xħaħ mal fokra ta Gesù Cristu.

Darba uaħda, chienet giurnata tas-sajf, xemx tizreg, u il padrun tighu Iban mar jghamel ziara fuk ir raba tighu. Dam zmien jifli collox, ghalech uara li dam bosta sighat, taħ ghatċ cbir, imma f'dauch l'inħauui ma chienx hemm ilma, collox xghari, ghalech kabad sejjer iħossu ħazin, talab lil S.dor biex jipprovdilu katra ilma. Sidor xein-ma icconfonda, talab l'Alla, ghamel bħal Mosè, kabad iz-zappuna, ta dakka fl'art, u ħagia tal ghaġeb, mad-dakka beda itir l'ilma, u saret ghajn l'actar frisca u sabieħa ta ilma ċar, u dan il padrun mistghageb, ressak fommu u xorob, u kal li ilma bħal dach katt ma chien xorob, ghalech daħal fil fehma li tasseu dan ix-xric tighu Isidoru hua kaddis tas-Sema.

U tant staghġbu b'dan il miracolu li zammeu saħansitra l'imghasska bħala reliquia, chif il poplu ta Israel chien zamm il ghasluġ ta Mosè, u min din il ghajn ghadom sal-lum isiru miracoli cbar.

U din m'hix ħagia cbira, ghaliex Isidoru ghamel miracoli min din il fatta f'bosta pajjisi u bliet oħrain. Insemmu il Longaro fil Valle della Salute, f'Valpernia, fil Pegna del Corvo, f'Madrid fit-triek principali, u f'Toledo, f'daun jinsabu bjar u gherien miftuħa b'miracolu ta dan il cbir kaddis bidui.

Il padrun tighu Iban chellu tifla li tant chien iħobba, din mardet u mietet. Isidoru mita raħ ech imgholli u imbicchi, kallu: taktax kalbech, it-tifla m'hix mejta; u malair irxuxtaħielu, bħal ma Gesu' Cristu ghamel mat-tifla ta Gairu.

Darba uaħda Sidor chien jaħdem fil kasam, u ħa mighu lill ibnu ċcheichen, dan fil uakt li missieru chien jaħdem, mar jilghab fein li spira, u uaka u gherek. Isidoru uara li talab l'Alla, te'lghu min ġeuua li spira kauui u sħiħ.

Fil kasam ta certu Cavalier, f'certa annata il kamħ ma taħ xein ħlief tiben; lebda zbula. Ghal din il biccia icconfonda dan is-sinjur, irricorra ghand il Bidui ta Iban, u talbu sabiex jeħu ħsieb dan it-tiben. Isidoru malair ħaseb, u ħuejjeġ li jghaġġbu, min dach it-tiben ħareġ zbul tant cbir u folt li bħalu katt ma chellu fil ghalka tighu, u ħa kamħ bl'abbundanza, u b'dan actar chibret il fama tal kdusija ta dan il bidui.

## III.

Daun iz-zeug eruieħ tas-Sema, Isidoru u martu Maria, chienu uisk ferħanin b'dach il frott li Alla ghoġbu jatiehom, cioè il maħbub iben taħhom li b'tant ghozza chienu irabbuħ. Imma Alla lil dan l'anġlu riedu ghalieħ fis-Sema, ghalech f'età ċcheicna ħadu mieghu fil Genna. Daun iz-zeuġ t'eruieħ tajba irrassenjau ruħhom mal volontà imkaddsa t'Alla, u actar inxeghlu bl'imħabba lejh. Difatti stabileu li ghandhom ighejxu bħala xebba u ġuvni f'castità l'actar perfetta, u sabiex jottienu u iħarsu din il ġemma preziusa, stabbileu li jinfirdu min xulxin mil ġisem, imma lè mil kalb, u ghalech Maria marret tgħammar ġeuua desert boghod xi zeuġ mili min pajisa, fein chien hemm cnisia ċcheicna tal Madonna li ghada tissejjaħ sal lum il Madonna ta Maria ta Cabezza, ghaliex din il kaddisa bdiet taħseb ghalieha, billi iddur fil campanja u min dauch il bdieua tiġbor il flus ghaz-zejt tal lampa taħha, u hia chella devozioni cbira leiha. Culljum, xitua a sajf, chienet tmur tixghel il-lampa u tghamel orazioni l'actar fèrvurusa kuddiema. Cullħatt chien jstaghġeb b'din ir-ruħ kaddisa, mita jarauha ghaddejja taħt xita u silġ, jeu xmux kauuija, frattant Maria katt ma tonkos li ma tmurx izzur lil Madonna taħha.

*(Jissocta)*

## Dinja gdida li tista biss taragha b'microscopji kauuija.

*Scoperta li tcun ta gid cbir ghall-umanità.*
(Mill'Editur).

Cull darba li tkieghed sakaic fuk il ħamrija inti tcun kieghed tirfes mijet ta miljuni ta ħbieb tieghec li ma jidrax.

Dinja li biss tista targha taħt l'ectar microscopji kauujia, b'miliuni cbar ta abitanti, tgheix, timxi u timmoltiplica ruħha f'cull kabda ħamrija li ghandech f'ir-raba tieghec.

Aħna connha naħsbu li il bniedem, l'annimali, id-dud u il ħxejjex chienu *biss* il ħuejjeġ li jgheixu f'din id-dinja. Issa ix-xienza chixfet illi quasi f'cull pied quadru ta ħamrija hemm abitanti li ighejxu ectar milli hemm nies fid-dinja collha,

Daun l'abitanti tal ħamrija li ix-xienza kgheda tkassam f'bosta classijet, aħna ghal ħeffa u biex nifteħmu intubom l' sem ta bacterija, (l'edeuua taħħom huma mgharufa mix-xienza bl'isem ta Protozoa).

Ghal uieħed li ma studiax din il materia, il chelma microbi — bacterjia — tfisser ghedeuua. Izda dan hu zball cbir ; ghaliex chiecu chien ech, il ħaija tal bniedem ma tesistix. Il bniedem chien icollu jirtira u iħalli id-dinja ghal microbi li ma jidrux, u kabel zmien tuil ir-risultat tal progressi cbar li saru jispicciau u id-dinja tergia issir deserta.

Il bacterija jinsabu cullimchien : l'aria li nieħdu, l'art li naħdmu, u ġisimna ucoll jinsab mimli bihom b'numru li ma jinghaddx. Daun il bacterjia, xein inkas mil bniedem, ghandhom ix-xoghol taħħom x'jghamlu, u cull speci jghamlu xoghol uisk meħtieġ firreniu microscopicu, u indirettament fir reniu ta animali icbar minnhom. Bil ghajnejna tal microscopiu ix-xienzat jara dinja abitata min miljuni ta organismi. Il bniedem li ma jistudiax din il materia îghejx minghair ma jaf xein b'id-dinja li tista biss taragha taħt lentijet kauuija, u ma ghandniex xi ngheidu, ghandu sorti cbira li hu ech, ghaliex l'ectar nervi b'saħħithom ucoll ma jissaportux uisk jarau cullimchien micsi b'daun. Per esempiu min hu dach li jeħu gost jecol, chiecu jista jara li l'iehel tieghu hu collu mimli bi quantità cbira ta ħniex, u microbi oħra ta bosta ghamliet?

Din hi chixfa tal ghaġeb li takleb li studiu li il bniedem jghamel fuk ħuejjeġ ta ma duaru. L'akua xienziati tad-dinja malair rau chemm hi meħtieġa illi fis-sena li ghaddiet ghamlu fuka l'euuel "Congress Internazionali" f'Washington. Fieħ ħadu parti l'ghorrief ta cull nazion, u bi president ghazlu l'ectar xienzat gharef tal biediâ li ghanda l'Ameriea, Dr. Jacob G. Lipman. F'din il-lakgha ech cbira, daun il ghorrief tħadtu fuk daun il bacterija jeu microbi. Tant hu meħtieġ dan is-suġġett illi l'inkas tfixchil fil bilanċ naturali tieghu jista ifalli nazioni et, jeu icun cagiun tal kerda ta miliuni ta nies f'sena uaħda.

It-tabib Lipman, President tal Culleġġ ġdid ta l'Agricoltura ta l'Università Rutgers, ighejd li ir-ragiuni li ma staniex incunu nafu kabel b'daun l'abitanti li figha il ħamrija, ghaliex huma tant zghar li tista tarahom *biss* bl'ectar microscopji kauuija. Uieħed min daun il bacterija li ix xienza semmiet *Bacterium anthracis* (li hu ghamla ta saba zgheir) hu il ħamsa u ghoxrin elf parti ta pulzier uieslha, mil ħames telef parti ta pulzier tuil, u ma dan collu hu uieħed *mill icbar li hemm.* Uieħed min sħabu iz-zghar tâl familja imseiħa *micrococcus* hu il miliun u ħames mitt elf parti ta pulzier cbir ! Fuk il ponta ta labra tal ħiata fina jistghu jghokodu erbghain elf minnhom ħdejn xulxin !

Anchi uara zmien li il microscopji ġeu usati, ghal bosta snin ħatt ma ħaseb illi pianti u microbi zghar, invisibili, chienu kghedin jghamlu xoghol illi minnu tiddependi il ħajja tal bniedem. Chien biss f'nofs is-secolu XIX ill "Louis Pasteur" scoprihom. Min dac iz-zmien l'haun tghallimna bosta ħuejjeġ fuk ix-xoghol li daun ighamlu fil ħamrija, izda l'icbar biċċia ghad trid tinstab.

Il ħamrija hi mghamula min bċejjeċ solidi ta materji minerali u *mill li spaziu li hemm bejn daun il bċejjeċ.* Dan li spaziu, mita icun xott inseiħulu "li spaziu tal pori."

Biccia li tissorprendich hi, li actar ma icunu zghar daun il bċejjeċ li minnhom mghamulha il ħamrija, actar icun cbir il proporzion ta dan li "spaziu porus."

Il microorganismi ma jistghux igheixu fi bċejjeċ solidi geuua il ġebel jeu metalli. Huma jinħt-ġilhom il uisgħa, l'umdità u l'aria.

Mita il bilanċ tal aria, umdità u sħana hu tajjeb, il bacterja tal ħamrija tmur il kuddiem u tati il ħajja lil animali u lil pjanti li aħna nafu. Mita il bilanċ ma icunx tajjeb, allura daun l'abitanti tal ħamrija imutu u il ħajja tispiccia maħħom ucoll.

Umdità uisk tnakkas l'ossigenu li icun hemm fli spaziu porus, u dauc il bacterija li iridu l'aria jibdeu jonksu; barra min dan bl'umdità zeida joctru izied l'ghedeuua taħħom u b'hecc il bilanċ jisfratta. Mita il ħamrija tcun xotta uisk huma ighejxu biss ma li scorcia umida li icun hemm ma cull farka ħamrija, u hemm jistghu jghokodu rieqda ghal zmien tuil - imkar ghal snin - u mita il bilanċ jirregula ruħu huma jergiau jibdeu ix-xoghol taħħom.

Haun tieħed jistaksi: imma allura ghaliex fi stagiun xott, ahna incabbru prodotti ucoll?

Dan jiddependi mil qualità ta trab. Li studiu uera li f'certa ħamrija il bacterija tinsab "uisk ftit," per esempiu 650,000 f'cull pulzier cubu! Fil uakt li f'uaħda maħduma tajjeb jinsab xi 100,000,000 jeu izied!

Fl'euuel nofs pulzier tal uiċċ daun il bacterija ma tantx jinsabu, billi jinxef malair uisk, izda min taħt dach, in-numru taħħom jibka jizdied sa xi sebgha jeu tmien pulzieri, fejn issib l'icbar numru. Imbghad jergia jibda jonkos ectar ma tinzel, sa tnejn jeu tliet piedi u imbghad jispiccia ghal collox, ghaliex ma isibux aria bizzejjed.

Haun naslu f'biccia ectar maraviliusa: chif daun il bacterija jippreparau l'ichel ghal pianti u animali li nafu bihom ahna.

L'ichel ghal pianti li jinsab fid-dinja hu limitat u hemm bzonn li dan l'ichel ma jonkosx, ghaldakstant li aħna nirritornau lill art dauch is-sustanzi li nieħdu minnha u assolutament meħtieġ. Bosta jaħsbu li dan isir biss b'it-tħassir ta affarijet li aħna natu lil ħamrija, mentri li dan ix-xoghol ma inghair il ghajnuna ta daun il bacterija ma jistax isir. Daun il bacterija biccia ighejxu bħal microbi oħrain bħal pianti u x'uħud ghandhom mit-tnejn.

Dan is-suggett hech meħtieġ li tuku kieghed jitcompla l'akua studiu, ix-xienza ti jaħsbu li ghat jati l'icbar risultat ghal gid ta l'umanità.

PUBLIC LIBRARY

---

## Menenio Agrippa u il Bidui

Ghal ħabta ta 500 sena kabel Cristu il poplu baxx ta Ruma collu chem hu rvella contra is-sinjuri u ma riedx iservihom iziec Hatt ma sata isib tarfu u la bil- ligi u l'ankas bl'armi.

Giara li giurnata uaħda jirħula flimchien f'pajjis ghalihom. Imma malair ghela cullħatt: is-sinjuri ma sabux x'jeclu u il fokra ma sabux lil min ibighu. Allura daħal beniethom certu bniedem ħelu u gharef li chien jismu Meneniu Agrippa u ech mar igheid lil fokra · Darba l'idejn, ir-riġlejn, il ghainejn, is-suaba, il moħħ u il membri colla tal ġisem rvellau contra li stoncu u fettlilom jghamlu *strike*, xopru. "Chif," kalu, "aħna dejjem nahdmu u katt ma nieclu u li stoncu dejjem jecol u katt ma jaħdem. Dan m'hux seuua," U ma ħadmux izied: ir-riglejn ma riedux jimxu, l'ghainejn ma riedux jarau, il uidnejn ma riedux jisimghu, is-snien ma riedux jomghodu. Allura li stoncu nixef bil ghali u uaka f'debulizza chira ħafna, tant illi m'hux biss chien sejjer imut hua biss, imma mieghu chienu sejrin imutu il membri l'oħra: illi malli ittendeu bli sball i ghamlu reġghu ghal li chienu, ghamlu penitenza, ħadu pacenzia biex ma imutux.

"Ech ucoll," issocta M. Agrippa, "ech ucoll giara lilcom. Is-senat u is-sinjuri ghandhom bzoncom u intom ghandcom bzonnhom, intom ghandcom isservu lilhom u huma iservu lilcom biex tgaudu il ġid ta xulxin." Dan il cliem nissel il paci beinietom u seua ta ġid cbir. Ech ucoll illum il bidui u is-sinjur iħobbu il xulxin chif imiss u jixrak.

PAX.

---




Nirringrazziau hafna l'is-Sur Henry Casolani, Suprantendent tal Emigrazioni ghar-rapporti sbieh tad-department tiegheu, li ghogbu jibghatilna. Fosthom ir-rapport bil Malti mimli bi stampi sbieħ u interessanti. Ma nixtikux nir-repetu dac li ghadna bosta drabi fil"Bidui" imma hi hagia li ħatt ma jista jiċhada, illi is-Sur Casolani m'hux biss ghamel ġid cbir lil pajjisna, imma ucoll xoghol difficultus li hu facili li ticcritica imma uisk difficili biex tghamlu!

Nirringrazziau lil Mons. De Piro ghall'Almanacc tal Missioni li bghatilna. L'almanacc hu uisk meħtieg, interessanti u mghamul bil ghakal. Cull veru nisrani ghandu jaccuistaħ.

Nirringrazziau lil Professur Levanzin ghall'euuel copia tan-Naħla li bghatilna li hu regia beda joħroġ. In-Naħla figha articuli istruttivi, mictuba b'mod li jinteressau lil karrej minghair ma ixebbauħ.

Nirringrazziau lil Captain Curmi, ghar-rapport tad-departiment tas-said li hu uisk importanti. Is-Sur Curmi kieghed jeħu interess cbir u kghed jghamel uisk gid lil poplu fil carica tiegheu u jistħokklu tasseu ta min ifaħħru.

Nirringrazziau l'id-ditta Giov. Muscat 48 Sda. Mercanti il Belt ghal copia tal "Pronostcu Malti". Min ghâdu ma xtarax copja ghandu imur u jixtri uieħed malair, il prezz tiegheu hu *Sold-u-nofs* biss. *Ċtieb ta 114 il pagina* mimli bl'izjed ħuejjeġ meħtieġa ghal cull familja. Tinsiex li dan collhu tac-cuistaħ b'*Sold-u-nofs biss*!

Biex tekred cull xorta ta insetti, (bħal berghout ecc.) min fuk cull xorta ta pianti chemm jecc ħxejjex jeu fiuri, itlob il famus "*Esa Champion Insecticide.*" Min ghand Bugeja 25 Sda. Forni il belt.

## Il Pianti fil Ksari

Li tkieghed quantità ta pianti fil ksari tidhirlech li hi biċċa xoghol li tieħu biss ftit tal prattica. Din il prattica tista tcun ech perfezionata li 500 pianta jistghu jiġu imkeghda fi ksari zghar f'sigha zmien, izda hemm xi princîpji li jinħtieġ uieħed josservahom. Daun il principji isiru actar meħtieġa mita trid takleb pianta min kasrija zgheira ghal uaħda icbar. Xi pianti huma ech ruħhom ħoxna li anchi jech tkallibhom chif giè giè ighejxu ucoll. Izda is-sengha li tkieghed pianti fil ksari m'hix biss filli takleb il pianta li tcun u iddauuar l'gheruk bit-trab. Barra milli hemm bzonn tcun taf tħauuad il ħamrija li t'usa, li hi sengħa fiha infisha, il manjera li timmaniġġa il ħamrija u chif ghandhom jghokodu il gheruk fil kasrija hi biċċa meħtiega ħafna. Dan ix-xoghol icun actar ħafif mita il pianta li tkieghed fil ksari tcun xitla li ghada chemm bdiet tifforma il gheruk, izda meta il pianta hi ixieħ u ghanda ħafna gheruk jinħtieġ uisk attenzioni. Bosta drabi tara dilettanti u giardinari ucoll jimleu il kasrija bil ħamrija, jghamlu ħofra, ikghedu ix-xitla figha, u jghafsu il ħamrija mal gheruk. Din hi sistema ħazina, u pianti ordinarji biss

jghokodu ghaligha. *Ix-xitel ghandu jitkieghed fil ksari bil gheruk mifruxa bħal ma chienu kabel inkalghu.* Il kasrija ghanda tintela sa nofsa bil ħamrija, imbghad titkieghed ix-xtla bil gheruk mifruxa u m'hux gożż—l'gheruk it-tarf ta isfel jinzlu l'isfel. Tcompli timla il kasrija bil ħamrija *xotta*, tħalligha dejjem nieksa ftit u ma timlijex sax-xfar biex tcun tista tissakka. Malli timligha ippressa ftit il ħamrija bil pali ta idejc, tigha taptipa jeu tnejn biex titkieghed seuua u l'operazioni lesta. Bi ftit tal prattica dan ix-xghol tista tghamlu malair u bil għaġla.

Sa haun semmejna chif tkieghed xitla zgheira fil ksari. Issa nieħdu bhala esempiu pianta ohra stabbilita li trid takliba f'kasrija icbar. Haun iċ-ċircustanzi huma differenti u naturalment ix-xoghol ghandu icun differenti ucoll, ghalchemm il principji huma li stess. L'euuelnett il kasrija ghanda tcun nadifa min ġeuua ; kieghed biccia xakkufa concava fuk it-tokba tal kasrija, u imla daks pulzier xakkuf irkiek, imbghad daks kabda jeu tnein bl'eħxen ħamrija—ħalli il fin ghal uiċċ—imbghad ħu il kasrija bil pianta li sejjer takleb, il pala ta idech il-leminija kgheda f'uiċċ il kasrija b'mod li iż-żocc principali tal pianta jiġi bejn il uerrej u it-tieled sebgħa t'idech ; akleb il kasrija uiċċa l'isfel, b'idech ix-xellughija izzomm kieħ il kasrija, taptap dakxein xifer il kasrija (li kgħeda makluba f'idejch) u il pianta tiġi f'idejch b'it-tuba b'collox ; b'idech ix xellughija neħħi il kasrija, *dejjem attent li il ħamrija ma titfarracx f'idech*, neħħi ix-xakkuf li icun hemm fil kieħ tal pianta li klibt, neħħi ftit mil ħamrija taċ-ċircu tal uiċċ biex tillibera ftit mil gheruk, imbghad kgħeda fil kasrija il ġdida b'mod li il pianta tiġi f'nofs il kasrija seuua, compli imla b'idech ix-xellughija il vojt li jibka bil ħamrija il ġdida, u b'idech il-leminija ippressgha. Malli tispiccia dan ix-xghol taptap il kasrija biex tkieghed collox sod f'loc u imbghad sakkigha seuua.

---

## Is-Sigiar taz-Zebbug.

Mictub minn P. P. Agius, Ph., Ch., B. A., M.D.,

Iz-zebbugia (Olea Europoea longif. Linneo latif). takbad uisk tajjeb f'Malta u f'Ghaudex u ghad li il Botanici ighaidu li ma tgholiex izied min tletin pied, aħna rajna sigiar, bħal dauc ta Petrick f Ghaudex u fil kasam u fir-raba tal Marchis Barbaro Zimmermann imkabbel ghand il ħabriechi u kalbieni Dun Salv Vella tal Kala, u oħrain bħan-naħa ta Wied ir-rahan, u in-naħa tal Fulija f'Malta u f'inħauui oħra fein rainieħ joghla u iuarrab izied fil uisa ucoll. F'ħafna ġnieb ta Malta u rħula l'isem Zebbuġ, Zebbugia, Ghasri u oħrain u ta Malta il kadima, chif seiħila is Sur P. Bellanti, juru ciar li f'Malta in-nies ta dari chienu ħaulu uisk sigiar taz-zebbuġ u ismijet kodma u vdal ta l'imghasar ifaccruna ucoll li haun chien jintghasar ħafna zebbuġ u chienu jeħdu iz-zejt taz-zebbug bil kedem. Raina f'xi nħauui fein fadal ħafna Zebbug, bħal wied-ir-rahan li in-nies ta dari chienu jaħsbu ghat-tiskija tighu u chellom spejjer latuici u xi guiebi ciatti u uisghain biex ituħ l'ilma fis-sajf u jammar u iħaddar u irodd tajjeb katieħ.

Aħna gibna cotba sbieħ fuk il gionna taz-Zebbuġ u chif jinzammu seuua, chif jitħauuel, jitlakkam u jinzabar, u chif ittieħ il forom u il ħargia li tixraklu, u chif bein siġra u oħra tista tħauuel ucoll xi xtieli ta ħxejjex ta l'ichel, u uieħed mill'isbaħ hua dac ta l'Oliocultura ta Hoipli, u fein juri l'A. chif iz-zeit taz-zebbuġ li jisua mitklu deheb jistaghna pajisi bħal l'Abbruzzi fl'Italia u xi artiiet ta geuua ta l'Africa. Haun Malta xi bdieuua jaħsbu ħazin li is-siġra taz-zebbugia tghaix b'ruħha u ma tridc ilma. Jecc ma tatihiex ilma t'ofroħ, tgholob, titghacches u tnin u tmut ħafna drabi, u naksu sigiar taz-zebbuġ uisk f'Malta u Ghaudex imħabba in-nukkas ta ilma. Il Curunell Savona, tal ghakda tal Haddiema, l'iħobb is sigiar u il gionna ħafna, meta conna seirin flimchien li Mkabba kalilna li fii guerra chien missu jghaddi min biccia tal Grecia u b'motorcar dam ghaddei saghtein u nofs min kalb gionna taz-zebbuġ imma ra lin-nies tar-raba t'hemm chienu idemmluħ u isakkuħ. Aħna nafu chem iz-zeit taz-zebbugia hua mexxej haun Malta (u jimbieħ b'xi £20 cull jum zeit u m'aħniex bħal l'inglizi li jixtruħ min ghand spiziari xi drabi ghax ftit juzauħ) u nistghu icolna iz-zeit taghna.

---

## TRUF TA GHERF

Il bniedem m'hux capaci li icu⁻ jaf *biz-zejjed* fuk hagia. Izjed ma jistudia fuka izied isib aftarijet li ma chienx jafhom.

Il calzetti tal harir geu mickufa fis-secolu sittax, izda katt ma *inchixfu* daks da'z-zmien.

Zeug ghainejn, zeug uidnejn u *ilsien uiehed*, juru ciar li il bniedem f'id-dnja gie mahluk biex jara u jisma izied milli jitchellem.

Is sahha tal bniedem hi l'icbar ghana jgheidu l'ghorrief. (Izda it-tobba u il spiziari ma jakblux mahhom).

L'injurant katt ma jixtiek xejn hlief il huejjeġ li jara ghand hattjehor.

X'uhud m'irgiel jidhadtu mita icunu rekdin. Forsi in-nisa tahhom ma ituhomx cians jithadtu mita icunu imkaima.

Missier hu risponsabbli ghal l'imgieba ta uliedu, ghaliex l'ulied jitilghu scond chif irabbihom hù. Il giurnali (*press*) huma risponsabbli ghal imgiba tal poplu, articolu uiehed mictub minghair ghakal jista jirrovina il morali ta eluf ta nies.

---

### Rigali ghal Milied

Ir-rebbieha tal premi scond ir-circolari taghna *Rigali ghal Milied* chienu daun :

F. Falzun, 18, Sda Tas-Said, Nadur, *Ghaudex*.
G. Buttigieg, 10A, Sda Hida, Nadur, *Ghaudex*.
P. Curmi, Passaggio III 23, Sda Hida, Nadur, *Ghaudex*.
G. Portelli, 11, Sda Ghajn Kasab, Nadur, *Ghaudex*.
Can. G. Said, 4, Sda Gaidoru, C. Caccia, *Ghaudex*.
E. Said, Sda Gnien Xibla, C. Caccia, *Ghaudex*.
G. Gauci, Sda Gaidoru, C. Caccia, *Ghaudex*.
E. Sultana, Sda Gnien Xibla, C. Caccia, *Ghaudex*.
A. Scicluna, 2, Via Gudia, *C. Axiak*.
S. Vassallo, 24, Sda S. Paolo, C. *Axiak*.
S. Schembri, 23, Sda S. Paolo, *C. Axiak*.
G. Abdilla, Sda S. Filippo, *C. Axiak*.
G. Xerri, 65, Sda Reale, *Musta*.
A. Cachia, 57, Sda Parrocchiale, *Musta*.
C. Gauci, Sda Reale, Vicolo 2do, 242, *Musta*.
G. Bonnici, 72, Sda Molino, *Musta*.
N. Abela, 7, Sda Concezione, *C. Dingli*.
C. Fenech, 6, Sda Ghar Bettia, *C. Dingli*.
F. Farrugia, 13, Sda Concezione, *C. Dingli*.
N. Azzopardi, 51, Sda Reale, *C. Dingli*.

## Il-kirda tal-frott irkik.

(*Capnodis Tenebrionis*).
Mill'Ufficciu ta l'Agricoltura.

—

Uiehed mill'akua ghedeuua li ghandhom is-sigar tal frott irkik geuua daun il gzejjer hua il "*Capnodis tenebrionis*", hanfusa seuda b'disinn abjad fuk rasha. Din il hanfusa hia ftit jeu xejn maghrufa mill gennien taghna li juahhal il hsara li taghmel f'hanfusa ohra li hija il "*Kirda Mukrana*", (*Cerambyx miles*), u li actarx insibuha biss fuk il langas u fuk it-tuffieh ta Billudja. Il "*Capnodis*" imiss is sigar tal frott irkik collha, jigifieri il hauh, in-nuciprisc, il berkuk, l'ghainbakar, il pruna u ic-cirasa, l'actar daun ta l'ahhar, chif ucoll il-langas u it-tuffieh ta Billudja.

Din il hanfusa tbid fix-xkuk tal koxra taz-zocc min-nofs pied sa pied jeu ftit actar il fuk minn uicc il hamrija, rari ferm fuk il frieghi, u actarx ghal habta ta Auuissu u Settembru. Minn dan il bajd johrog dudu li jidhol taht il koxra tas sigra u jhaffer canali tual, mghaugia, irregolari, li jissalbu bejniethom u dejjem jehtieu actar ma jitualu, scond ma jicber id-dudu ta geuua fihom, izda ftit jitilghu maz-zocc, u katt ma jidhlu geuua l'injam, izda dejjem jibkghu bein iz-zocc u l'koxra. Minn dan il mod tat-tahfir tal canali id-dudu jingharaf malair mill "*kirda mukrana*" li thaffer geuua il hatab.

Id dudu ghandu ghamla li tixbah ferm lil dic tal "*kirda mukrana*", b'rasu seuda, cchejcna, iebsa u bic-criechi ta gismu catti, ta l'euuel uisk acbar mill'ohrain. Dan id-dud jinsab taht il koxra taz-zocc f'colonji cbar, mija jeu mitejn il uahda u ta cull daks, ghalavolja actarx icunu ta tkeghida uahda, billi xi uhud jicbru actar bil mod minn shabhom. Iz-zmien li irid sabiex is-dudu seuua, jigifieri hanfusa, hua ta sentejn jeu ftit actar.

Is-sigra marida titghacches seuua: l'euuel sena taghmel uerak cchejchen, hatab kasir u actarx ucoll quantità cbira ta frott imchittef. It-tieni sena tibda tnixxef il uerak u il frieghi u f'kasir zmien uara tispicca ghal collox. Iz-zocc principali juri xi tokob irkak mnejn icun hareg id-dudu mlahhak f'sura ta hanfusa jeu "*insett perfett*" u taht il koxra icun immermer collu bil hsarat li icun ghamel id dudu sachemm chiber.

Tista tghid illi mita il hanfusa tilhak tbid fuk sigra ma hemm ebda mezz li bih uiehed jista izomm il hsara li tcun gejja; ghaliex id dudu minn mita ifakkas sa chemm jehu is sura tieghu ta "*insett perfett*" ma jistax jintlahak minghajr ma uiehed jaghmel hsara cbira lis-sigra marida. B'risk tajjeb, dan id-dudu ma jmissx is-sigar tal-leuż morr u l'ankas il berkuka salvaggia. Ghaldakshecc jecc uiehed ilakkam is-sigar tal frott irkik fuk il-leuż morr, u mita tcun sigra tal berkuk, fuk il berkuka salvaggia, jista jokghod żgur li dan id-dudu ma imissux is-sigar tieghu. It-tilkima ghandha issir pied jeu pied u nofs mill'art sabiex "*l'insett perfett*" li icun jirgha biex ikieghed il bajd ma jilhakx il hatab tajjeb.

Il langas u it-tuffieh ta Billudja ma jistax jitlakkam fuk il leuż u ghaldakshecc ghal daun is-sigar ma hemmx rimedji ohra hlief dauc li isiru ghal "*kirda mukrana*". B'xorti li il *Capnodis* ftit jaghmel hsara fuk il langas u fuk it-tuffieh billi ma tantx ihobb imiss daun is sigiar, ghalchemm min-nahha l'ohra il hsara li ma jaghmilx hu, jaghmilha bi hruxija acbar il "*kirda mukrana*".

P. BORG.

MALTA PUBLIC LIBRARY

—



## L'Icbar Invenzioni.

—

L'Icbar invenzioni li saret f'id-dinja chienet certament dic li f'darec stess tisma l'ahjar cuncerti, u l'ectar operi sbieh cantati min l'akua artisti. F'i ftit cliem chien il Wireless. Dan culhatt jista icollu uiehed, izda m'hux culhatt jista jisma tajjeb jecc is *Set* li icolloc ma icunx mghamul mill'ahjar bcejjec. B'cejjec u settijet lesti tista tixtrihom bi ftit flus min ghand *Radio Lyre. 207 Prince of Wales Road, Sliema.*

## Il Kirda Mukrana

(*Cerambyx miles*)

*Mill Ŭfficiu ta l'Agricoltura*

—

Cull min ghandu ġnien bis-siġar tal-lanġas jeu tat-tuffieħ ta Billudja chellu occasioni jara il ħsara li jaghmel dan id-dudu li fein jidħol ma iħalli siġra tal-lanġas jeu tat-Tuffieħ ta Billudja bla ma jaktghala ghomorha kasir bit-tahfir li jghamel fiż żocc. Id-dudu perfett hua hanfusa sabiħa ta xi zeuġ pulzieri, b'ghamla tauualija, ta leun isued sabieħ u mzejna b'par krun tual, colla ghokod, li meta l'insett icun jiġġerra fuk il frieghi izommhom deijem arbulati, mixħuta il kuddiem u jitbandlu min banda għal ohra.

Ghal ħabta ta Mejju u ta Settembru icun jittajiar min siġra ghal ohra, jerda l'umuri li icunu ħiergin mill frieghi micsura l'haun u l'hin, u ifittex ix-xkuk fuk is-sigiar tal-lanġas u tat-tuffieh sabiex ikieghed il bajd. Actarx ibid max-xifer tal ħamrija jeu ftit actar il fuk, min bajda sa erbgha jeu ħamsa fuk cull siġra, u m'hux bhal *Capnodis* tal frott irkik li jitfa ħamsin bajda jeu actar f'post uieħed. Id dud irkiek li ifakkas mill bajd, malair itakkab il koxra u jistaħba fiż żocc fein jibka iħaffer canali ġeuua il kalba ta li njam ma tul iż-żocc u il frieghi collha u jarmi bit-tokba ta isfel il frac ta li njam li jinġabar bħal serratura ma siek s-siġra.

Id-dudu, jeu *larra*, jibka jicber sa jeħxien seuua u jilħak it tul ta tliet pulzieri jeu actar. Ghandu rasu seuda, ghamla ċatta, u l'euuel circu ta gismu uisk acbar mill ohrain. Meta icun ċcheichen icun dakxejn ħamrani izda mita jicber isir abjad perfett jeu jati fil crema. Actarx jeħu sentejn sabiex isir *insett perfett.*

Is-siġar mimsusin min dan id-dudu jibdeu sejrin lura, billi inixxfu il friegħi u ma ilaħkux il frott li icollhom fuk il frieghi mtakkba. Actarx icampau chemm il sena kabel imutu, izda ghomorhom dejjem icun kasir saħansitra meta jigu iccurat:

Min ghandu siġar tal-lanġas u tat-tuffieħ ta Billudja jeħtieġlu jiccurahom bl'acbar attenzioni jecc irid jeħlishom jeu itaffilhom dakxejn il ħsarat li isoffru min dan id-dudu. Hemm bzonn l'euuelnett illi jaħsbillhom ghal l'inkix, ghaz-zabra, ghat-tiskija u ghal bzar li icollhom bzonn sabiex is-siġar icunu jifilhu ghal mard u ma iciedux ma l'euuel attacc. Malli jidher xi żocc imtakkab hemm bzonn illi jinkered id-dudu ta geuua fieħ. Dana jista isir b'fil-di-ferru mdaħħal fit-tokba sachemm jilħak iċarrat id dudu. Jista ucoll jintlaħak b'taijara mxarrba bil bisolfur tal carboniu u mdeffsa ġeuua it-tokba, izda il bisolfur ma tantx uieħed isibu mita irid u pericolus ħafna li jinzamm geuua id-dar jeu fi vicin ghaliex jeħu in-nar malair ħafna. F'locu uieħed jista jusa faħma zghira ta l'acetilena u tajjara mxarrba bl'ilma fuka. Il gass li tati il faħma jimla it-tokba u joktol id-dudu, li stess bħal ma jghamel il bisolfur. Uara li uieħed joktol id-dudu ghandu jaghlak it-tokba bis-sement, jeu aħiar b'xi pasta tar-raża jeu tal katran li jusau il ġenniena biex ighattu il feriti tas-siġar. Jagħmel tajjeb ucoll jech uieħed jakta il frieghi morda li icunu bdeu inixxfu u jizboh darbtejn ma tul is-sajf pied jeu pied u nofs miż-zocc b'mistura tal gir mtoffi bil ħmieġ tal bakra frisc. L'esperienza tghallimna li siġar mhaula f'xi makjel katt ma jigiu mimsusa min dan id-dudu li biex ibid ifittex biss injam nadif u bla rueiħah. Hua biss b'din l'attenzioni ta sicuit li il ġennien jista isalva is-siġar tighu min din il pesta ghal zmien tuil bizzejjed sabiex igaudi il frott tal ħidma tighu.

P. Borg

—

## Ibzghu ghas-sigiar izjed.

—

Haun Malta, l'actar li ma nistghux inghaddu il kuddiem ghax ma irridux nisimghu minn min hu eghref minnha.

U jech nibkghu sejrin ech, katt ma nilħku fein jilħku ġnus ohra, li bid-daħl tat tghalim ghaddeu il kuddiem.

Cull uieħed li jircapta uejba raba irid jghamila ta bidui u jibda jidhirlu li jifhem f'collox.

Il-lum nofs is-siġar ta Malta ntemmu

u ġmielna kighed jonkosna dach li hu meħtieġ ghalina u ghal bhejjem.

Is siġar, barra milli jiġbdu ix-xita u b'hecc izjed nieħdu ghaleijel (uciuħ), jatuna: ghalina frottiiet u ħatab, u ghal bheijem il ġuies u il uerak.

Barra min dan, is-siġar, fis-sajf jghamlu lill art kiesa ġnien bil ħdura taħħom. Mela tasseu li huma ta min jibza ghaliehom chif ghidtilcom fuk.

U x'jinhtieġ li nghamlu biex is-siġar ma jinkerdux? L'euuel u l'actar ħtieġa hi iż-ZABRA.

Il-lum cull min zebaħ uicciu sar baddied! Jigifieri, bħal ma ghettilcom kabel, li cull min jeħu ġonta raba u fiegha icollu is-siġar erħilu jharbat u ichisser (u m'ħux jiżbor. Mela ma tafux x'ghid il kaħl? "Il ħooż tieħ lil min jaf jeclu u ix-xoghol tieħ li min jaf jahdmu? Il kħal huma ghorrief, ghax daun jitħadtu fuk dac li rau, u min jara bosta drabi ma jistax jarra milli ighid u jghamel.

Huma uisk dauc li mita jiżbru lankas ifittxu f'liema zmien jiżbru. Jech hux zmien iż żabra jeu lè! Dan hu l'euuel ghauġ u li igharrak floch ma iseuui.

Issa x'ingħidu ghal chif jinżabru xi sigiar minn min katt u la ra ghodda taż-żabra, u l'ankas żabbar jiżbor?!

Uhud idaħhkuc.

Tismaħhom ighidulech: u fergha m'hux cullħadt jaf jaktaħha? u dich trid xi gherf? Daks chemm culħadt jaf idokk jeu jicteb il musica! Is-sigiar ghandhom il ħajja bħal ma ghandna, jen u inthom, jimirdu bħalna, jitghabbux bil frieghi chif nghabbu li stoncu bl'ichel, jiccancrau chif xi drabi jiġri (Alla ihares katt) lilna. U chif aħna ghal mard infittxu tabib, ech ucoll l'is-sigiar ghandna infittxulhom biex inserrħuhom mit-tghobija u mil cancrena taħħom.

### Zabbar

Dan, l'euuelnett, ghandu ghodod li huma jakdu ghalech, u hu jaf liema hi il fergha jeu żocc zejda li ghanda is siġra. Dan jaf ucoll mita fis-sigra icun hemm xi żocc iccancrat jeu meijet li kieghed jghamel deni l'is-sigra, billi ighal'abħa jeu jekridha f'kasir zmien, sa fejn u chif ghandu jakta dich il fergha jeu dach iż-żocc. Chiecu biss li int tinkala ghal din il ħagia, tista tikem (tuitti) seuua il katgha li tcun ktajt? katt ma tista tghamlu dan! U la mix-xeħta – sengha – u l'inkas bil ghodda ta chaf-chaf li icolloch!

Hag'ohra. Int is-sigiar tridhom jatuch il frott. Hux tasseu? Issa int fein tgharaf liema fergha li hi bil ħbiela tal frott ghas-sena li gejja? pericolu li floch li takta dich il bghalija, li din tghalleb l'is-sigra, takta dic li tcun bin-nisel tal frott, u floc ma tcun tiżbor biex tieħu frott actar, tcun tnakkas hlech il frott, u l'is-sigra tħallilha li bghal li jixrobilha demmha.

Bosta sigiar kghedin jinkerdu minħabba iż-żabra, u dan ghàla? Ghax dac li icun jeu jibza ghal dich it it-tetifa li iħallas l'iż-żabbar, jeu ghax irid jiżżattat billi jghamila ta żabbar hu. Hi chif inhi, jinħtieġ li nifmuha illi, min ma jinkalax ghal dan ix-xoghol, katt ma ghandu ixeħħ ghal ħagia zghira, jeu jiżżattat biex jghamila ta *żabbar*.

### Il hidma tas-Sigiar

Il bdieua li ghomorhom collu ghaddeuħ fir-raba, l'ankas ħsieb ma ghandhom ta chif jinzammu is-sigiar f'saħħithom.

Haun sigiar (l'actar tal ħarrub) li mindu tħaulu sal-lum, li daun priclu ghandhom 50' jeu 60, sena, l'art ta taħtom katt ma rat dakka ta mghaska. Dan hu ta deni cbir ghas-sigiar chif tarau f'dach li sejjer inghedilcom. Jen ftit nifhem fil biedja, izda ghal dan ma nahsibx ii trid tcun gharef uisk biex taħseb liema deni isir l'is-siġra mita tħallilha l'art imtappna bla katt ma tista tixrob katr'ilma, u tieħu l'ossiġenu ta l'aria meħtieġ ghal ħajja taħħa.

U fuk collox inkered dach id dud li ighix minn l'gheruk bi ħsara cbira taħħa.

Haun ghamla ta dud li ighix fid-dlam, u ħajtu hi fil ħamrija li katt ma titkalleb, u dan, malli jara l'aria, jintemm; u ucoll

MALTA PUBLIC LIBRARY

haun dud, li malli takleb l'art jidhol ifittex lill iehor u jeclu. Ghax Alla halak in-nemus izda halak ucoll il huttaf, il bukraik u tajr iehor li narauh jirruffah, actar il farfett-il-lejl, li dejjem inakku u jeclu minnu. Ech ucoll l'art hi mizghuda bi duied uiehed ghadu ta l'iehor.

Izda jech il hamrija ma titkalleb katt dach il ġens ta dud dejjem jizdied billi ibid ghadd cbir bla ma inakksu l'ebda ghadu ghax ma jistax jidhol ghalih.

L'akua hsara ghas-sigiar me a huma daun li jen semmejtilcom, u jinhtieġ li nifmuha tajjeb, żabra tajba u nghazkulhom tahtom halli jehdu dach li jinhtieġu, u li huma: ilma, aria, dud ghadu tad-dud, ghadu tahhom, u ma daun art imbahbha biex eghrukhom dejjem icunu ebsa, li ixenxlu dauc ix xniexel li huma il hluk li bighom jerdghu it-tira li izcunmhom f'sahhithom. Barra min dan, dach il uerak niexef ta tahtom jakdi b'demel u m'hux jintilef. U xi nghidu ghal dach ix-xeuch u gholliek u dach il garni salvaġġ ? Min jehdu it-tira ? Sigiar miżbura tajjeb u mahdumin chif ghedna, tarahom jicbru cull jum u il ġmiel tahhom, u jatu frott uisk izied. Dauc li huma zdingati icun kishom sghatar uara li jinxef. Thallux nghaġ jeu mghoż imissulcom is-sigiar, ghax daun jishtuhom ghal collox ! Fejn is-sigiar jimtessu bil bhejjem ma jehdu ruh katt.

C. Sant,
Bahar iċ-ċghak.

## Ekred dauc l'insetti!

Fost l'insetti li imissu il prodotti, nsibu uiehed li joctor malair uisk u jghamel hsara mill'icbar chemm fil gionna u chemm fir-raba. Dan hu dac li jitfaccia kiesu nemus zgheir li ahna inseihulu *"Afis"* igherbeb il uerak u ma ihallihomx javvanzau, u billi il uerak hù il pulmun, il pianta li tcun katt ma tista tigi il kuddiem. Il bdieua chienu sicuit jistaksu ghal medicina biex jekerduh, specialment il berghout li imiss il hmiemel u jekridhom.

Id-ditta Bugeja ta 25 Sda Forni il Belt, hasbet ucoll ghal dan. u issa ordnat jinhadmu apposta ghaligha medicina ta l'icbar finizza, li barra milli tekred malair CULL XCRTA TA INSETTI, fli stess hin permezz ta l'ahjar composizionijet li sabet ix-xienza dan l'ahhar hi ucoll thares il prodotti min mard jehor bhal moffa ecc

Dan jinsab ghal beih fi flixchen comdi hafna u bi ftit soldi.

Ixtri uiehed u zommu lest ghax tigi bzonnu zgur.

---

# IN MEMORIAM

**B'tifchira ghaziza ta l'ghaziz missieri**

**G. ZAMMIT-MARMARA'**

**li ghadda ghad-dinja l'ohra f'is-7 ta Marzu 1927.**

**Nitlob lil hbieb u'l karrejja tghana jitolbu ghar-ruhu.**

**R. I. P.** *L'Editur*

**"EXPORTATION-IMPORTATION"**

REVUE MONDIALE



## CUMMERC INDUSTRIA AGRICOLTURA.

**10, Rue Saint-Roch, 10**
**PARIS (1er)**

Domandi mir ghand neguzianti jigu ippublicati f'dan il giurnal b'xejn. Informazionijet jigiu moghtija ta Fattoriji Francisi.

---

L'ufficciu u in-nies taghna jigiu imkgheda ghad-disposizioni ta dauc in-negozianti li izuru Franza, u natu cull assistenza meħtieġa.

Cull ħargia tal giurnal "Exportation-Importation" figha informazionijet importanti fuk ħuejjeġ li jintghamlu fi Franza.

Sottoscrizioni ghal sena (12 in-numru 80 franc).

**Copia bħal campiun tintbghad lilech b'xejn.**

**Semmi IL BIDUI meta tictbilna.**

---



## BLYE's NURSING HOME

(BLYE HOSPITAL)

MUAKKAF FL'1919

**Corradino Hill,**
**Casal Paula, MALTA.**

Sptar privat ghan-nisa u rgiel, gharius u mizmum bir-rekka collha scond ma titlob is-Sanità, u appruvat mil *Malta Medical Board.* Jilka cull xorta ta mard, (basta ma icunx jittieħed). Maghruf ghas-success cbir li chellhom, in-numru cbir ta operazionijet, indafa, cura, dieta u attenzioni li jircievu il morda.

L'aħjar tobba Maltin, imfaħħrin għal medicina u il chirurgia, specializzati min barra.

Il marid jista icun iccurat mit-tabib curanti tighu.

Infermieri nisa u irgiel mill aħiar, lejl u nhar.

Visiti culljum mit-Tobba ta li Sptar mid-9 a.m. sal 10.30 u mil 4 p.m. sal 5 p.m.

L'isptar hua taħt it-trigija u it-tħabric tal proprietarji. Is-sezioni tan-nisa hia taħt id-direzzioni tas-Sinjorini Blye.

# The Aermotor Co., Chicago.

## Imtiehen tar-rieh Americani li itellghu l'ilma.

## Maghmula appositament ghall Bdieua



Daun l'imtiehen huma mehtiega uisk. Ghandhom forza itellghu l'ilma minn qualunque fond. Jiffranca hafna xoghol tbatija u spejjes lill Bidui u izommulhu ir-raba imsokki u imxabba bl'ilma. Daun jahdmu bir-rieh u ma fihom ebda spejjes. Mghamulin minn hadid iggalvanizzat u ghalecc m'hemm ebda dubju li isaddu.

Cull fejn tara uahda minnhom ghandech ucoll tara ir-raba jghaxxkech bil gniel u il hdura.

Ma cull mithna tigi motigha b'xejn landa zejt li isservi ghall sena ghall l'istess mithna. Il mithna m'hemmx bzonn tatiha iz-zejt int cull jum ; izda ghatiha il-landa zejt collha u ma tul is-sena collha il mithna tiehu iz-zejt ueheda.

Il Bidui li jixtri uahda minn daun l'imtiehen fuk imsemmja sgur li ma jibdhielux.

**Ghall xi informazionijet ohra morru ghand**

l'Agent **GIOV. MUSCAT,**

**Strada S. Ursola, 213, il Belt**